Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Diskors tal-Baġit

# 2012

L-Onor. Tonio Fenech
Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
Malta
14 ta' Novembru, 2011

Ippublikat mill-
Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 24 96 40
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**

**Malta.** *Ministry of Finance, the Economy and Investment*
Diskors tal-Baġit, 2012 / Tonio Fenech. - Valletta : Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, 2011

14, 86p. ; 24cm.

ISBN: 978-99932-94-47-4
ISBN: 978-99932-94-49-8 Electronic Version

1. Budget – Malta
I. Title II. Fenech, Tonio

352.494585013

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 25 05 50

Mitbugh fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.50

# B'Għaqal u B'Serjetà Biss

## Nirbħu l-Maltemp

# 1. Daħla

Mr. Speaker

B'għaqal u b'serjetà biss nistgħu ngħelbu l-maltemp ta' madwarna. Dan huwa l-messaġġ tal-baġit li qed inressaq quddiem din il-Kamra.

Matul l-aħħar tliet snin iffaċċjajna taqlib kbir. Kien biss b'ħafna għaqal, b'deċiżjonijiet iebsa imma tajbin, u bix-xogħol, bil-bżulija, u bis-saġrifiċċji tal-familji Maltin u Għawdxin li żammejna 'l pajjiżna miexi 'l quddiem, minkejja l-kollass ta' madwarna.

Mhux b'kumbinazzjoni li m'għeriqniex, li bqajna nsostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna.

Xejn ma jiġi mix-xejn. Imxejna t-triq diffiċli, imma serja. Għażilna dak li rajna bħala l-aħjar għall-familji Maltin u Għawdxin, anke meta l-għażliet kienu diffiċli.

Ħallejna il-kliem fieragħ għal ħaddieħor; aħna ħarisna fit-tul.

Pajjiżna ma jistax jaħrab mit-taqlib enormi li għaddejja minnu l-Ewropa u l-kumplament tad-dinja. M'għandniex kontroll fuq dak li qed jiġri madwarna. Huma biss l-għażliet li qed nagħmlu flimkien bħala pajjiż li jkomplu jseddqu lill-familji tagħna fl-eqqel tal-maltemp li għaddejjin minnu.

Dak li għamilna għalmilnieh flimkien, u flimkien biss naslu biex nirbħu fuq il-maltemp.

L-istrateġija tal-Gvern li jħares ix-xogħol, li jinċentiva l-investiment, li jkabbar l-ekonomija, li jinvesti bla heda fl-edukazzjoni, li jżomm it-taxxi baxxi, li jiġġieled l-inflazzjoni, li

jnaqqas il-burokrazija, li jsaħħaħ il-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali, li jissapportja lill-familji l-aktar fil-bżonn, u li jkompli jinvesti fl-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa, qed tħalli l-frott, għax għalina l-politika ekonomika u l-politika soċjali jibqgħu marbuta flimkien anke fil-maltemp.

Mr. Speaker

Dan il-Baġit ikompli jibni fuq din l-istrateġija. B'dan il-Baġit, irridu:

1. nassiguraw l-istabilità makro-ekonomika u s-sostenibbiltà finanzjarja meħtieġa sabiex nibqgħu nattiraw l-investiment, inkattru l-postijiet tax-xogħol u nsostnu l-qafas soċjali;

2. ninvestu b'għaqal f'inizjattivi li jkabbru l-attività ekonomika ta' pajjiżna u joħolqu x-xogħol u xogħol aħjar;

3. insostnu l-programm estensiv t'investiment fl-infrastruttura, l-enerġija u l-ambjent ta' pajjiżna;

4. ninvestu aktar fl-edukazzjoni u t-taħriġ; u

5. nassiguraw irwieħna li, minkejja l-isfidi li għandna quddiemna, ikun baġit li jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-familji, l-anzjani, u l-faxex tas-soċjetà l-aktar vulenerabbli.

Mr. Speaker

Dan il-Baġit jirrifletti s-serjetà, il-kredibbiltà u r-responsabbiltà li pajjiżna għandu bżonn biex ikompli jegħleb l-isfidi ta' madwarna.  Dan huwa baġit li jsaħħaħ it-tama u jkattar il-fiduċja li pajjiżna kapaċi jirbaħ il-maltemp!

# 2. L-ekonomija Maltija u l-qagħda internazzjonali

Mr. Speaker

Dak li qed jiġri madwarna qed jarah kulħadd. Diversi aġenziji internazzjonali, inkluż il-Kummissjoni Ewropea, qed jirrevedu 'l isfel it-tkabbir ekonomiku ewropew. Il-qagħda mwiergħa fil-Greċja; l-Italja, sitwazzjoni preokkupanti ħafna; Spanja, il-Portugal, l-Irlanda, l-Ingilterra, Franza qegħdin jieħdu miżuri t'awsterità li qed iħallu mpatt fuq il-popli tagħhom u l-ekonomija ewropea.

L-Unjoni Ewropea qed taħdem bla heda sabiex ikun ikkontrollat l-impatt negattiv tat-taqlib finanzjarju. Hu fl-interess tagħna lkoll li din il-kriżi tgħaddi, għax hekk biss l-ekonomija reali, li minnha jiddependi l-għixien tagħna, tibqa' taħdem b'ritmu tajjeb biex joħloq il-ġid u x-xogħol.

Mr. Speaker

Dawn l-avvenimenti storiċi jolqtuna fil-laħam il-ħaj.

Filwaqt li s-solidarjetà ma' sħabna, speċjalment fiż-Żona Ewro hija essenzjali, irridu nipproteġu u nidderieġu lil pajjiżna fil-maltemp internazzjonali. Irridu politika ekonomika bbażata fuq sisien sodi u finanzi sostenibbli.

## 2.1 Il-qagħda finanzjarja

Waqt li l-livelli ta' defiċit u dejn ta' pajjiżna huwa baxx meta mqabbel ma' ta' sħabna fl-Unjoni Ewropea, xorta pajjiżna għadu taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Għadna kommessi li sa l-aħħar ta' din is-sena jkun nniżżlu d-defiċit ta' pajjiżna

għal 181.7 miljun ewro, jew 2.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Għall-2012, qed nipprevedu żbilanċ ta' 2.3 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Dan għandu jwassal sabiex Malta toħroġ mill-proċedura ta' l-Unjoni Ewropea għall-defiċit eċċessiv, jingħata sinjal importanti ta' serħan il-moħħ lil min irid jinvesti u joħloq ix-xogħol f'pajjiżna, u jipprovdi l-ispazju fiskali meħtieġ biex jintervjeni fl-ekonomija kif meħtieġ matul l-2012.

Id-dħul minn tassazzjoni diretta u ndiretta mistenni jkun 2.5 biljun ewro, filwaqt li 419.2 miljun ewro ġej minn dħul ieħor.

In-nefqa rikurrenti mistennija tiżdied biss b'92.6 miljun ewro fuq dik prevista għall-2011.

L-investiment kapitali fl-ekonomija Maltija u Għawdxija mistenni jkun ta' 425.3 miljun ewro.

Id-dejn tal-Gvern mistenni jkun ta' 68.9 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Aktar dettalji jinsabu f'tabelli numri 2.1 sa 2.3 u f'Appendiċi A mehmuża ma' dan id-diskors, u li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

Mr. Speaker

Fil-maltemp li għaddejjin minnu, it-tkabbir ekonomiku jiddependi minn stabilità finanzjarja u mhux bil-maqlub. F'ekonomija miftuħa u żgħira bħal tagħna, li tiddependi mill-investiment barrani biex issostni l-impjiegi, is-sostenibbiltà tal-qagħda finanzjarja tal-Gvern ma tistax ma tingħatax l-akbar importanza.

**Tabella 2.1 Il-qaghda fiskali 2010 - 2011**

| | 2010 | | 2011 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali | | Approvat | | Rivedut | |
| | € '000 | | € '000 | | € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dhul Totali | | 2,525,356 | | 2,791,700 | | 2,695,734 |
| Dhul minn Taxxi | 2,242,531 | | 2,393,370 | | 2,383,798 | |
| Dhul Iehor | 282,825 | | 398,330 | | 311,936 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,493,097 | | 2,547,222 | | 2,588,327 |
| Spiza Rikurrenti | 2,296,342 | | 2,338,726 | | 2,374,723 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 196,755 | | 208,496 | | 213,604 | |
| Bilanc (Zbilanc) Rikurrenti | 32,259 | | 244,478 | | 107,407 | |
| Nefqa Kapitali | | 311,470 | | 440,024 | | 303,005 |
| Nefqa Totali | | 2,804,567 | | 2,987,246 | | 2,891,332 |
| **(Zbilanc) fil-Fond Konsolidat** | | **(279,211)** | | **(195,546)** | | **(195,598)** |
| Finanzjament | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (191,242) | | (182,014) | | (128,438) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Lokali | (7,023) | | (6,744) | | (6,744) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Barranin | (9,175) | | (6,758) | | (6,758) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (200) | | (6,100) | | (6,100) | |
| Facilita' ta' Self mar-Repubblika Ellenika | (19,770) | | (24,000) | | (34,229) | |
| Facilita' ta' Self mal-Air Malta plc | - | | - | | (52,000) | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | - | | 9,560 | | 9,622 | |
| Bejgh ta' Assi | - | | - | | - | |
| | | (227,410) | | (216,056) | | (224,647) |
| Htiega ta' Self | | (506,621) | | (411,602) | | (420,245) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanc fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar | (196,297) | | (180,839) | | (125,231) | |
| Self Lokali | 577,687 | 381,390 | 570,000 | 389,161 | 570,000 | 444,769 |
| Bilanc fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Dicembru | | (125,231) | | (22,441) | | 24,524 |
| **Aggustamenti tal-Gvern Estiz** | | **56,988** | | **13,913** | | **13,913** |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz** | **(222,223)** | | **(181,633)** | | **(181,685)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **6,163,653** | | | | **6,465,700** | |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-3.6%** | | | | **-2.8%** | |

**Tabella 2.2 Il-qaghda fiskali 2010 - 2014**

| | 2010 Attwali € '000 | | 2011 Rivedut € '000 | | 2012 Estimi € '000 | | 2013 Estimi € '000 | | 2014 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dhul Totali | | 2,525,356 | | 2,695,734 | | 2,961,000 | | 3,069,600 | | 3,189,035 |
| Dhul minn Taxxi | 2,242,531 | | 2,383,798 | | 2,541,850 | | 2,682,500 | | 2,773,250 | |
| Dhul Iehor | 282,825 | | 311,936 | | 419,150 | | 387,100 | | 415,785 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,493,097 | | 2,588,327 | | 2,680,900 | | 2,737,750 | | 2,808,850 |
| Spiza Rikurrenti | 2,296,342 | | 2,374,723 | | 2,450,295 | | 2,491,534 | | 2,547,934 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 196,755 | | 213,604 | | 230,605 | | 246,216 | | 260,916 | |
| Bilanc / (Zbilanc) Rikurrenti | 32,259 | | 107,407 | | 280,100 | | 331,850 | | 380,185 | |
| Nefqa Kapitali | | 311,470 | | 303,005 | | 425,327 | | 425,750 | | 460,585 |
| Nefqa Totali | | 2,804,567 | | 2,891,332 | | 3,106,227 | | 3,163,500 | | 3,269,435 |
| **(Zbilanc) fil-Fond Konsolidat** | | **(279,211)** | | **(195,598)** | | **(145,227)** | | **(93,900)** | | **(80,400)** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (191,242) | | (128,438) | | (509,702) | | (516,783) | | (511,661) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Lokali | (7,023) | | (6,744) | | (4,857) | | (4,059) | | (3,261) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Barranin | (9,175) | | (6,758) | | (6,716) | | (6,465) | | (6,464) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (200) | | (6,100) | | (20,100) | | (51,780) | | (26,780) | |
| Facilita' ta' Self lir-Repubblika Ellenika | (19,770) | | (34,229) | | (16,575) | | (4,762) | | - | |
| Facilita' ta' Self lil-Air Malta plc | - | | (52,000) | | - | | - | | - | |
| EFSF *Credit Line Facility* | - | | - | | (4,500) | | (4,500) | | (4,500) | |
| Hlas Lura ta' Self Moghti lill-Gvern | - | | [2] | | 52,002 | | 2 | | 674 | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | - | | 9,622 | | 28,159 | | 28,343 | | - | |
| Bejgh ta' Assi | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | (227,410) | | (224,647) | | (482,289) | | (560,004) | | (551,992) |
| Htiega ta' Self | | (506,621) | | (420,245) | | (627,516) | | (653,904) | | (632,392) |
| Self Barrani | | - | | - | | - | | - | | - |
| Bilanc fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar | (196,297) | | (125,231) | | 24,524 | | 97,008 | | 143,104 | |
| Self Lokali | 577,687 | 381,390 | 570,000 | 444,769 | 700,000 | 724,524 | 700,000 | 797,008 | 600,000 | 743,104 |
| Bilanc fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Dicembru | | (125,231) | | 24,524 | | 97,008 | | 143,104 | | 110,712 |
| **Aggustamenti tal-Gvern Estiz** | | **56,988** | | **13,913** | | **(8,673)** | | **(33,000)** | | **(8,500)** |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz** | **(222,223)** | | **(181,685)** | | **(153,900)** | | **(126,900)** | | **(88,900)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **6,163,653** | | **6,465,700** | | **6,776,000** | | **7,094,500** | | **7,427,900** | |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-3.6%** | | **-2.8%** | | **-2.3%** | | **-1.8%** | | **-1.2%** | |

**Tabella 2.3 Il-bilanc tad-dejn tal-Gvern**

*€ '000*

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 3,603,615 | 4,056,372 | 4,246,711 | 4,429,944 | 4,518,683 |
| *Bills* tat-Tezor | 377,760 | 202,005 | 129,123 | 82,629 | 114,623 |
| Self Lokali ma' Banek Kummercjali | 56,374 | 56,374 | 56,374 | 56,374 | 56,374 |
| Self minn Barra | 87,700 | 74,536 | 61,962 | 50,993 | 40,380 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 83,990 | 87,586 | 87,586 | 87,586 | 87,586 |
| Munita | 40,957 | 42,550 | 42,550 | 42,550 | 42,550 |
| EFSF (*Debt Re-Routing*) | - | 15,700 | 45,000 | - | - |
| **Dejn tal-Gvern Estiz** | **4,250,396** | **4,535,123** | **4,669,306** | **4,750,076** | **4,860,196** |
| *Prodott Gross Domestiku* | 6,163,653 | 6,465,700 | 6,776,000 | 7,094,500 | 7,427,900 |
| **Dejn bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **68.96%** | **70.14%** | **68.91%** | **66.95%** | **65.43%** |

## 2.2 X'jiddistingwi lil pajjiżna llum?

Is-sitwazzjoni ta' l-impjiegi f'Malta baqgħet b'saħħitha. Anzi, saħansitra ssaħħet f'ċerti aspetti.

Fl-ewwel xhur ta' din is-sena l-imjiegi żdiedu b'aktar minn 2.5 fil-mija, li jitqabbel ferm tajjeb ma' tkabbir ta' madwar 1 fil-mija fiż-Żona Ewro. Mill-bidu tal-kriżi 'l hawn, ħames pajjiżi biss żiedu l-impjiegi: Malta kienet wieħed minnhom. Wieħed irid jinnota wkoll iż-żieda notevoli fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Dan is-suċċess kien kruċjali biex pajjiżna jżomm finanzjarjament sod f'dawn iż-żminijiet diffiċli, kif ukoll, sabiex intejbu l-qagħda ekonomika u soċjali tal-familji tagħna.

Mr. Speaker

Dan ma ġiex b'kumbinazzjoni. Dan huwa frott ta' politika ekonomika ċara li tħares il-postijiet tax-xogħol. Huwa wkoll frott il-ħidma ta' l-imsieħba soċjali tagħna li għarfu l-isfidi li qed joffru dawn iż-żminijiet diffiċli. F'isem il-Gvern nirringrazzjahom.

Mr. Speaker

Il-kompetittività ta' l-industriji u l-intrapriżi Maltin hija konsiderazzjoni kruċjali. Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, iż-żieda fil-Prodott Domestiku Gross ta' pajjiżna laħqet it-2.6 fil-mija f'termini reali.

It-turiżmu wkoll kellu sena ferm tajba bi tkabbir sostanzjali li mexxa miegħu setturi oħra bħal dak tar-ristoranti u l-akkomodazzjoni, il-bejgħ bl-imnut u s-settur tat-trasport.

Fost is-setturi li marru tajjeb din is-sena hemm ukoll dak tas-servizzi professjonali, tekniċi u xjentifiċi. Dawn jagħtu servizz lill-oqsma oħra ta' l-ekonomija, bħas-settur finanzjarju.

Irridu nkomplu nsostnu dawn is-suċċessi billi nindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħna. Dawn identifikajnihom fl-eżercizzju li għamilna fil-kuntest tas-Semestru Ewropew:

1. Finanzi sostenibbli bi tnaqqis fl-iżbilanċ fiskali u d-dejn pubbliku skont il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, flimkien ma' tisħiħ fil-governanza fiskali;

2. Riformi fis-sistema tal-pensjonijiet sabiex nassiguraw is-sostenibbiltà;

3. Edukazzjoni li taqdi il-bżonnijiet ekonomiċi, speċjalment dik terzjarja u dik vokazzjonali, u tnaqqis fir-rata ta' studenti li ma jkomplux jistudjaw wara s-16-il sena;

4. Studju u riformi, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, fis-sistemi ta' tqassim tal-pagi u salarji li ssostni l-kompetittività ta' l-ekonomija Maltija; u

5. Tnaqqis fid-dipendenza fuq iż-żejt b'investiment f'enerġija nadifa u promozzjoni ta' użu aktar effiċjenti ta' enerġija.

Flimkien ma' dawn l-isfidi ekonomiċi, il-Gvern Malti huwa kommess li joħloq l-aħjar ambjent għal:

- użu aħjar tar-riżorsa umana, b'parteċipazzjoni akbar fid-dinja tax-xogħol, u investiment fis-sistema edukattiva;

- aktar investiment fl-ekonomija Maltija, anke bl-għajnuna ta' l-investiment kapitali tal-Gvern, u użu ta' fondi Ewropej;

- politika industrijali li tagħmel użu aħjar mir-riżorsi l-aktar kompetittivi tal-pajjiż, u li tisfrutta swieq addattati għall-potenzjal ta' l-ekonomija ta' pajjiżna, inkluż fil-manifattura, fit-turiżmu, fil-qasam tax-xjenza, riċerka u innovazzjoni, il-qasam finanzjarju u servizzi ta' kummerċ, il-qasam ta' l-informatika, il-qasam kulturali u kreattiv, u l-qasam ambjentali;

- sistema finanzjarja b'saħħitha; u

- swieq aktar effiċjenti u prezzijiet ġusti.

Ir-rata ta' inflazzjoni matul it-12-il xahar sa Settembru kellha xejra 'l fuq biex laħqet it-2.7 fil-mija. Fl-2012, it-tkabbir ekonomiku f'Malta mistenni jkun ta' madwar 2.3 fil-mija. L-inflazzjoni mistennija tilħaq it-2.1 fil-mija. Inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja ta' l-*Economic Survey* li jagħti ħarsa dettaljata tas-sitwazzjoni ekonomika f'pajjiżna.

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skont il-mekkaniżmu maqbul ma' l-imsieħba soċjali, se tkun ta' €4.66 fil-ġimgħa.

# 3. Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

Mr. Speaker

Ix-xogħol huwa l-prijorità ewlenija tal-Gvern. Minkejja din il-kriżi, din is-sena komplejna nnaqsu l-qagħad. Illum il-qagħad huwa 6.6 fil-mija, 3.1 fil-mija anqas mill-medja fl-Unjoni Ewropea. Komplejna noħolqu aktar postijiet tax-xogħol fis-setturi kollha ekonomiċi tal-pajjiż, u b'hekk l-ekonomija ta' pajjiżna kompliet tikber.

## 3.1 L-industrija u t-tkabbir ekonomiku

Mr. Speaker

L-investment mis-settur privat huwa kruċjali biex inkattru x-xogħol. L-industrija tal-manifattura, l-operaturi fit-turiżmu, in-negozji kollha ta' pajjiżna huma importanti biex inkattru l-ġid u noħolqu x-xogħol f'pajjiżna.

Minkejja l-maltemp kollu ta' madwarna, irridu naraw li pajjiżna jibqa' miexi bil-galbu 'l quddiem.

Mr. Speaker

Dan il-Baġit qed jivvota 14.2 miljun ewro għall-vot ta' l-inċentivi għall-industrija, żieda ta' ħames miljun ewro fuq is-sena li għaddiet.

Din is-sena, s'issa, ġew approvati 35 proġett għal fabbriki u kumpaniji b'investiment ta' 145 miljun ewro, li mistennija li joħolqu 700 post tax-xogħol fuq medda ta' tliet snin. Jeħtieġ li nkomplu dan ir-ritmu, u nagħmlu lil Malta dejjem aktar attraenti għall-investiment lokali u barrani.

Jeħtieġ li nkomplu nsostnu wkoll l-industrija tagħna sabiex, mhux biss tespandi, imma tilqa' wkoll għall-isfidi marbuta ma' l-enerġija. Aħna konxji li l-prezz internazzjonali taż-żejt qiegħed ipoġġi piżijiet ġodda fuq l-industrija tal-manifattura li tikkonsma ammonti kbar t'enerġija. Nemmnu li għandna nħarsu l-kompetittività b'investimenti ffukati fuq il-konsevazzjoni u l-ġenerazzjoni t'enerġija nadifa.

Għalhekk, qed ninvestu tlett miljun ewro fuq perjodu ta' tlett snin f'inċentivi fiskali lil dawk l-industriji li jikkonsmaw 'il fuq minn 2Gwh fis-sena, u li jinvestu fi proċessi ta' konservazzjoni u impjanti ta' ġenerazzjoni t'enerġija minn sorsi nodfa.

Bdejna x-xogħol fuq il-*BioMalta Campus*: park industrijali b'investiment ta' 30 miljun ewro, li se jipprovdi l-infrastruttura neċessarja għar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali lill-industrija tal-farmaċewtika u xjenzi relatati mal-ħajja.

Marbut ma' dan il-proġett hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-kumpanija *Sultan Scientific* li se tniedi l-G*lobal Medi-Science Fund* ta' 200 miljun ewro bbażat f'Malta. Dan il-Fond se jinvesti fi proġetti li se jistabilixxu ruħhom fil-*BioMalta Campus* jew proġetti bi sħab fuq livell internazzjonali.

Bdejna wkoll programm estensiv ta' xogħlijiet ta' titjib f'numru ta' żoni industrijali b'investiment ta' 16-il miljun ewro; ix-xogħol f'Ħal Far u Bulebel huwa avvanzat.

Il-Gvern jifhem li żidiet fis-*service charge* huma żieda fil-*cost base* ta' l-industrija. Iżda nerġa' ntenni dak li stqarrejt diġà lil din il-Kamra. Is-*service charge* proposta li, wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ nizżilniha għal €3.50 għal kull metru kwadru, mhux se tmur għand il-Gvern jew għand il-*Malta Industrial Parks* la darba jitwaqqfu it-*tenants associations* fiż-żoni

rispettivi. Sakemm jingħalqu d-diskussjonijiet mal-Kamra tal-Kummerċ, il-kuntratti li jiskadu se jiġġeddu bir-rata kurrenti.

Kull żona industrijali se jkollha l-*management* tagħha, li se jirrispondi lit-*tenants association* rispettiva. Jekk dak li jinġabar ikun aktar minn dak li hu meħtieġ għall-manutenzjoni taż-żona, l-ammont żejjed jingħata lura jew isir aġġustament fis-*service charge* ta' dik iż-żona.

Aħna konxji li ċerti setturi industrijali ta' valur miżjud għoli qed isibu diffikultajiet biex jingaġġaw lokalment ċertu riżorsi umani f'oqsma speċjalizzati, u li jista' jfisser li dak l-investiment ma jiġix lejn pajjiżna. Għaldaqstant, se nwessgħu l-inċentivi fiskali li nidejna fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u dak ta' l-*online gaming* għal tliet kategoriji oħra:

- għal dawk il-Maltin li għandhom karriera ta' kalibru u li jixtiequ jiġu lura pajjiżna biex jaħdmu f'oqsma industrijali importanti;
- għal ħaddiema barranin ta' livell u ħiliet għoljin, u li huma meħtieġa għal setturi industrijali; u
- għal dawk il-persuni li jridu jagħmlu riċerka, jikkummerċjalizzaw xi invenzjoni jew teknoloġija ġewwa Malta.

Dan kollu, Mr. Speaker, qed nagħmluh bil-għan li nkomplu nżidu l-valur miżjud ta' l-industrija Maltija. Nemmnu bis-sħiħ fil-futur tal-qasam tal-manifattura msejjes fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni, u l-iżvilupp teknoloġiku.

**L-innovazzjoni l-mutur tat-tkabbir ekonomiku**

Mr. Speaker

Il-proċess kontinwu t'innovazzjoni ma japplikax biss għall-qasam tal-manifattura. Is-sitwazzjoni globali ekonomika u industrijali qed turina b'mod l-aktar ċar li m'hemmx futur għal min ma jittrasformax ruħu u kontinwament isir aktar kompetittiv. Il-kultura ta' l-innovazzjoni hija strument ewlieni għat-tkabbir ekonomiku anke fis-setturi ekonomiċi tradizzjonali.

Għaldaqstant, is-sena li ġejja se nniedu kampanja t'għarfien dwar l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku b'investiment ta' kwart ta' miljun ewro. Qed inżidu wkoll l-vot tar-riċerka tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija għal 1.6 miljun ewro. Barra minn dan qed noħolqu Fond ġdid biex ngħinu fl-internalizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni. Qed nivvotaw fondi wkoll sabiex ngħinu lir-riċerkaturi tagħna jipparteċipaw fl-*FP7 Programme* ta' l-Unjoni Ewropea.

Jeħtieġ ukoll li nħajru ħafna aktar tfal u żgħażagħ jinteressaw ruħhom fix-xjenzi. Għalhekk se ninvestu f'Ċentru Interattiv tax-Xjenza, proġett li se jiswa 3.5 miljun ewro.

## 3.2 Ninvestu aktar fis-setturi tan-negozji żgħar u medji

Mr. Speaker

In-negozji ż-żgħar kienu dawk li rrispondew l-aħjar għall-ħolqien tax-xogħol fil-mument tal-kriżi.

Fl-aħħar tliet snin għenna madwar 2,000 negozju fis-sena permezz ta' diversi skemi tal-Malta Enterprise. Għennihom jidentifikaw swieq ġodda, jidħlu għal proġetti ġodda, jinvestu fl-operat tagħhom, ikabbru n-negozji tagħhom u, fuq kollox, joħolqu aktar postijiet tax-xogħol.

Komplejna l-iskema *MicroINVEST*. B'sodisfazzjon ngħid li minn din l-iskema, li toffri tnaqqis fit-taxxa ta' 40 fil-mija fuq il-valur ta' l-investiment, u 60 fil-mija fil-każ t'Għawdex, gawdew aktar minn 700 negozju li nvestew kważi 13-il miljun ewro u ħolqu madwar 200 impjieg ġdid.

Huwa ċar li l-imprendituri Maltin iridu jkomplu jinvestu. Dan qed nagħrfuh, u għaldaqstant, qed nestendu din l-iskema għal sena oħra.

Irrid infakkar ukoll fl-iskema tal-"*BOV JEREMIE Financing Package for SMEs including Micro-enterprises*" fejn, b'Fond ta' 52 miljun ewro, qed jiġu pprovduti *loans* lill-intrapriżi Maltin u Għawdxin. Minn Marzu 'l hawn ibbenefikaw madwar 110 negozji, li bejniethom investew madwar 15-il miljun ewro.

**Skema ta' garanziji fuq self lill-intrapriżi ż-żgħar: *MicroGuarantee Scheme***

Mr. Speaker

Minn diskussjonijiet li għamilna jidher li hawn imprendituri li qed jiġu b'ideat kummerċjali tajbin, iżda ma jkollhomx, la x'jagħmel tajjeb biex jisselfu u, l-anqas il-25 fil-mija minimu stabbilità taħt l-iskema preċedenti.

Għalhekk se nniedu skema oħra ta' garanzija fuq self mill-banek intiża sabiex tinċentiva n-negozju u l-ħolqien tax-xogħol fin-negozji żgħar. Permezz ta' din l-iskema, il-Gvern se jagħti

garanziji bankarji fuq self għall-intrapriżi, eżistenti jew ġodda u vijabbli, li għandhom bżonn il-kapital sabiex jinvestu u jaħdmu. Din l-iskema se:

- tinħadem mal-banek kummerċjali u skont kriterji kummerċjali;
- tkun applikabbli għal intrapriżi li jħaddmu sa 20 persuna;
- tkun applikabbli għal self għal investiment kapitali jew *working capital*;
- tiggarantixxi self ta' bejn l-2,500 u 100,000 ewro mill-banek kummerċjali;
- tiggarantixxi 90 fil-mija tas-self, filwaqt li l-kumplament irid jiggarantihom min se jissellef; u se
- tiggarantixxi self li jimmatura bejn tliet xhur u 10 snin.

Min jikkwalifika għal dan is-self se jintalab iħallas premium fuq ir-rata ta' l-interessi fuq l-ammont misluf jew il-bilanċ.

Permezz ta' din l-iskema, il-Gvern se jidħol għar-riskju hu sabiex jassigura li min hu kapaċi joħloq proġett tajjeb u li jista' jaħdem, ikun jista' jagħmel suċċess. Se npoġġu 20 miljun ewro f'garanziji, li jista' jiżdied skont l-esperjenza u l-evalwazzjoni li niksbu fit-twettieq ta' din l-iskema. Jekk l-imprendituri u l-banek jagħmlu suċċess minn din l-iskema, il-Gvern mhux se joqgħod lura milli jkabbar l-ammont ta' garanziji għal din l-iskema.

**Sejħa oħra ta' 8 miljun ewro mill-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea**

Mr. Speaker

Tajjeb infakkar li, matul dawn l-aħħar sentejn, 38 miljun ewro ngħataw lil aktar minn 600 kumpanija fl-iskemi *20millionforindustry* fuq medda ta' sentejn. Din kienet opportunità lill-intrapriża Maltija biex iġġedded l-operat tagħha, tagħmel ir-riċerka u l-innovazzjoni, *e-business*, u tfittex swieq ġodda. Fi Frar li ġej se nippubblikaw sejħa oħra għall-finanzjament ta' proġetti b'valur ta' 8 miljun ewro.

Qed nivvutaw 550,000 ewro wkoll sabiex inkomplu ntejbu ż-żoni industrijali li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Gvern.

Kif wegħdna, ippubblikajna l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar sabiex inkomplu niffaċilitaw il-ħajja ta' l-imprendituri tagħna u nnaqqsu l-burokrazija. Introduċejna wkoll *SME impact assesment test* biex kull liġi li jkollha impatt fuq in-negozji ż-żgħar tgħaddi minnu.

Kif ħabbarna wkoll, waqqafna Korp Konsultattiv u Kulleġġ ta' Regolaturi bl-iskop li jagħtu pariri lill-Gvern fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika għall-intrapriżi, u dwar il-politika regolatorja għas-settur.

## 3.3 Inkomplu nsostnu s-settur tas-servizzi finanzjarji

Is-settur tas-servizzi finanzjarji qed ikompli jikber b'ritmu mgħaġġel. F'dawn l-aħħar tliet snin l-impjiegi f'dan is-settur żdiedu b'1,000 ruħ u ġew reġistrati bejn 700 u 800 kumpanija kull kwart fl-aħħar sitt snin. Fl-2010, is-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja kkontribwixxa 7.5 fil-mija tal-Valur

Miżjud Gross ta' l-ekonomija Maltija, żieda ta' aktar minn 30 fil-mija mis-sena ta' qabel. Illum f'pajjiżna sar għandna 25 istituzzjoni ta' kreditu, 14-il istituzzjoni finanzjarja, 52 kumpanija ta' l-*insurance*, 706 Fond inklużi *sub-funds*, 112 servizz ta' investiment, u 122 *trustees*.

Jeħtieġ li nkomplu naħdmu flimkien, operaturi u regolaturi sabiex, waqt li nassiguraw li min jiġi jopera f'pajjiżna jħares ir-reputazzjoni ta' pajjiżna, nibqgħu nattiraw attivitajiet ġodda li qed iħallu impatt importanti fuq l-ekonomija ta' pajjiżna. Il-*Finance Malta, public private partnership* bejn il-Gvern u l-operaturi, qed tagħmel xogħol importanti fil-promozzjoni ta' pajjiżna f'dan is-settur fuq livell internazzjonali. Għal dan il-għan, il-Gvern qed iżid il-vot għal 500,000 ewro.

## 3.4 Naħdmu sabiex inġibu aktar turiżmu lejn pajjiżna

Mr. Speaker

Din is-sena ffaċċjajna żewġ sfidi kbar fit-turiżmu: il-qagħda ekonomika fil-pajjiżi minn fejn jiġu t-turisti tagħna, u l-kriżi fl-Afrika ta' Fuq, partikolarment fil-Libja.

Ħdimna fuq li ħdimna, u r-riżultati jitkellmu waħedhom. Fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena kien hemm 1.1 miljun turist li żaru pajjiżna, 70,000 aktar mill-istess perjodu fl-2010 li kienet sena rekord. Dawn qattgħu 9.4 miljun lejl f'Malta, 336,503 lejl aktar mis-sena ta' qabel. In-nefqa minn dawn it-turisti kienet ta' 997.8 miljun ewro, żieda ta' 81.7 miljun ewro fuq l-istess perjodu fl-2010. In-numru ta' passiġġieri li niżlu Malta abbord *cruise liners* laħaq 67,982, 16,828 aktar mill-ewwel disa' xhur ta' l-2010.

Mr. Speaker

Il-ħidma ta' l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, flimkien ma' l-operaturi fis-settur, hija kruċjali sabiex dawn jattiraw numru akbar ta' turisti lejn pajjiżna. Għal sena oħra, qed nerġgħu nżidu l-allokazzjoni lill-Awtorità b'miljun ewro, għal total ta' 36 miljun ewro.

Sabiex ksibna dawn ir-riżultati, kien hemm bżonn li nkomplu ninvestu f'aktar rotot ta' l-ajru ġodda, f'aktar *marketing* u reklamar, l-aktar fis-swieq ewlenin u żoni minn fejn ftaħna rotot ġodda, u f'titjib tal-prodott turistiku Malti. Hekk se nkomplu nagħmlu matul is-sena li ġejja, fejn qed nivvutaw tliet miljun ewro għall-*marketing* u erba' miljun u nofs ewro għall-ftuħ ta' rotot ġodda.

Qed nagħmlu sforz sabiex it-turiżmu jinfirex aktar matul is-sena kollha. Inrnexxielna naslu sabiex issa għandna seba' xhur fis-sena fejn ikollna aktar minn 100,000 turist fix-xahar.

It-titjib tal-prodott turistiku għandu rwol importanti wkoll fl-istrateġija ta' dan il-Gvern. Dan l-investiment jattira aktar turisti lejn pajjiżna u jtejjeb l-ambjent ta' pajjiżna. Minbarra l-investiment kontinwu fl-infrastruttura ġenerali tal-pajjiż, u proġetti oħra, bħal dak fid-daħla tal-Belt u oħrajn ta' tisbiħ madwar il-pajjiż kollu, tlesta wkoll ix-xogħol fuq il-*promenade* ta' San Pawl il-Baħar, u dawk ġewwa Fond Għadir u l-Qawra. Tkompla wkoll l-immaniġġjar ta' sitt bajjiet madwar Malta.

Qed nivvotaw 4.2 miljun ewro sabiex inkomplu naħdmu fuq proġetti oħra matul is-sena li ġejja, fosthom l-*Aquarium* fil-Qawra u l-Ġonna ta' Pembroke, li x-xogħol fuqhom issa beda.

Qed ninvestu wkoll 4.2 miljun ewro oħra f'siti arkeoloġiċi madwar Malta u Ghawdex sabiex inkomplu ngħollu l-valur ta' l-esperjenza tat-turist f'pajjiżna.

Komplejna bil-ħidma tagħna favur l-operaturi turistiċi ta' pajjiżna. Qed nagħtu l-għajnuna neċessarja għat-titjib tal-proġetti turistiċi minn operaturi privati, u għall-*marketing* u l-kompettività tagħhom. Din l-iskema għandha allokazzjoni ta' 10 miljun ewro, u s'issa ħarġu tliet sejħiet, bl-ewwel sett ta' proġetti approvati taħt l-ewwel sejħa jingħalqu din is-sena.

Matul 2012, il-Kunsilli Lokali u għaqdiet oħra se jibbenifikaw minn 3.3 miljun ewro f'Fondi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Gvern Malti biex iwettqu numru ta' proġetti marbuta mad-dehra u l-istorja tal-lokalità tagħhom. Dawn jinkludu Ta' Pinu u l-Fondazzjoni Belt Vittorja f'Għawdex, ċentri storiċi f'diversi irħula u ġonna pubbliċi.

Skemi oħra li se jibqgħu jitħaddmu jinkludu:

- għajnuna għas-settur pubbliku u parastatali sabiex jinġiebu konferenzi f'Malta;
- programm fit-taħriġ tar-riżorsa umana; u
- *soft loans* għall-operaturi turistiċi.

Il-prodott turistiku huwa wkoll is-servizz li noffru lil dawk li jiġu jżuruna. Huwa għalhekk li nvestejna f'numru t'inizjattivi, bħal taħriġ kontinwu lill-ħaddiema u f'kampanja edukattiva dwar it-turiżmu ndirizzata għat-tfal.

Mr. Speaker

L-industrija tat-turiżmu taf li matul is-sena d-dieħla se taffaċċja diversi sfidi marbuta ma' l-inċertezza ekonomika fis-swieq

ewlenin. Minkejja dan, se niżguraw li jkollna r-riżorsi meħtieġa sabiex nibqgħu kompetittivi f'din l-attività hekk importanti għall-ekonomija ta' pajjiżna.

**L-Airmalta**

F'dan il-Baġit, Mr. Speaker, qed nikkommettu 20 miljun ewro għar-ristrutturar ta' l-Airmalta, ammont li jitla' fis-snin ta' wara skont il-pjan ta' ristrutturar. Il-Gvern jibqa' mpenjat li jara li l-linja nazzjonali ta' pajjiżna tibqa' taqdi l-funzjoni importanti tagħha. Madanakollu, kulħadd irid jifhem li ż-żmien ta' diskussjoni ma jistax jibqa' jittawwal. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni rriversibbli, b'konsegwenzi gravi għall-familji li jiddependu minn din l-azjenda u għal pajjiżna.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tistenna il-pjan finali tal-Gvern, iżda dan ma jistax jitressaq jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-bidliet fundamentali li jridu jsiru fil-prattiċi tax-xogħol. Mingħajr dawn il-bidliet il-pjan ifalli. Il-Gvern jemmen li l-pakket finali offrut mill-*management* tal-kumpanija, kemm fi skemi ta' rtirar, kif ukoll il-bidliet mitluba u l-kumpens offrut huwa raġjonevoli. Ir-rifjut jista' biss iwassal għal *outsourcing* ta' ċertu operazzjonijiet jew għat-tnaqqis tal-ħaddiema skont il-liġijiet ta' pajjiżna.

**Aktar investiment fi programmi kulturali**

Mr. Speaker

L-iżvilupp kulturali huwa fil-qalba tal-Viżjoni tal-Gvern għall-futur ta' pajjiżna. Għandna viżjoni ċara u ambizzjuża: li nagħmlu mill-attività kulturali u kreattiva l-aktar aspett dinamiku tal-ħajja soċjali u ekonomika. Għalhekk, se nkomplu nsaħħu l-qafas governattiv tal-kultura, filwaqt li nsostnu lill-

operaturi indipendenti, lill-intrapriżi, u lill-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi.

L-entitajiet kulturali pubbliċi huma kruċjali fl-attività kulturali ġewwa pajjiżna. Dawn jagħtu valur lil setturi oħra, bħall-edukazzjoni, l-intrapriza kreattiva, u t-turiżmu. Għas-sena d-dieħla se ninvestu aktar minn 7.7 miljun ewro f'dawn l-entitajiet, żieda ta' kważi nofs miljun ewro.

L-immaniġġjar tar-riżorsi kulturali, fil-forom kollha tagħhom, jeħtieġu professjonisti u esperti li kapaċi jikkonservaw, jinterpretaw u jippreżentaw it-teżori u l-kollezzjonijiet li magħhom iġorru l-identità tagħna bħala poplu. Mingħajrhom ma nistgħux nibnu soċjetà li tagħraf il-valur tal-kultura tagħha f'dinja dejjem aktar globalizzata. Qed nagħtu attenzjoni speċjali lejn l-esperjenza kulturali kontemporanja, anke fil-preżentazzjoni tal-patrimonju tagħna.

Se nallokaw kważi nofs miljun ewro għal numru ta' *festivals* u attivitajiet artistiċi ġodda, bħall-*Festival* ta' l-Arti għat-Tfal, *Festival* tal-Mużika Barokka, u programm artistiku marbut mat-teatru miftuħ fil-Belt Valletta. Se nżidu wkoll l-allokazzjoni lill-Orkestra Nazzjonali, lit-Teatru Manoel, liċ-Ċentru tal-Kreattività fil-Kavallier ta' San Ġakbu, u lill-Kunsill Malti ta' l-Arti u l-Kultura.

Matul is-sena d-dieħla se nallokaw 200,000 ewro sabiex jibda il-proċess fejn il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti jimxi minn fejn qiegħed bħalissa għall-Berġa ta' l-Italja fi Triq il-Merkanti. Dan huwa pass importanti li juri d-determinazzjoni ta' dan il-Gvern sabiex ipoġġi l-espressjoni artistika u kreattiva fil-qalba tar-riġenerazzjoni kulturali ta' pajjiżna.

Mr. Speaker

Dan kollu jsarraf f'żieda ta' aktar minn miljun ewro, jew 12 fil-mija fin-nefqa tal-Gvern fl-entitajiet u l-programmi kulturali tiegħu. Dan jinkludi t-tħejjijiet sabiex Malta tospita l-Belt Kapitali Kulturali Ewropea fl-2018. Aħna nagħrfu li dan l-avveniment huwa aktar minn serje t'attivitajiet kulturali. Huwa proċess estensiv li matulu nsaħħu l-istrutturi tagħna, inkabbru l-parteċipazzjoni u l-apprezzament kulturali, u nippromwovu lil Malta bħala ċentru ta' kultura u ta' kreattività. Fuq kollox, huwa proċess li joħloq impjiegi fil-kultura, u domanda aktar qawwija għal esperjenza kulturali ta' kwalità.

**L-ekonomija tal-kreattività**

Matul is-sena id-dieħla se jiġi ospitat f'Malta l-*European Film Academy Awards*, avveniment importanti. Dan l-avveniment isir Berlin darba kull sentejn, u pajjiż differenti fis-snin l-oħra. Fl-2010, Malta rebħet id-dritt li torganizza dan l-avveniment f'pajjiżna. Dan l-avveniment għandu jgħin sabiex Malta tkompli ssaħħaħ ir-reputazzjoni tagħha f'din l-industrija. Iċ-ċerimonja se tintwera diretta f'aktar minn 50 pajjiż madwar l-Ewropa u, għalhekk, se sservi wkoll ta' reklam tajjeb għal pajjiżna.

Fil-qasam tal-films se nkomplu naħdmu sabiex nattiraw aktar produzzjonijiet lejn pajjiżna li permezz tagħhom tibbenefika direttament l-ekonomija u jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol. Qed naħdmu wkoll sabiex inkomplu ntejbu l-professjonaliżmu fis-settur lokali b'korsijiet, li għalihom qed jinġiebu professjonisti barranin. Dan minbarra fondi intiżi sabiex jiġi żviluppat aktar is-settur lokali fejn qed nallokaw 250,000 ewro.

Mr. Speaker

Nemmnu li l-kompetittività tagħna f'dawn l-oqsma, fuq livell lokali u internazzjonali, għandha tiżdied permezz ta' benefiċċji marbuta mad-drittijiet ta' l-awtur.

Fil-baġit tal-2010 konna ħabbarna inizjattiva għal *royalties* fuq il-*patents*. B'dan il-Baġit, qed nestendu din l-inizjattiva sabiex tkopri xogħol protett mill-*copyright* fuq kotba, *scripts* ta' *films*, kant u arti. Dan il-benefiċċju se jkun jikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mill-*copyright*. Tali skema għandha tgħin sabiex anke tattira artisti internazzjonali jużaw lil Malta, tagħmel minn Malta aktar attrajenti għall-industrija tal-*films*, u beneffiċċji ekonomiċi aktar wiesa' f'setturi varji.

Mr. Speaker

Il-Gvern jemmen li l-kultura u l-kreattività wkoll jistgħu jkomplu jgħinu sabiex jinħoloqu aktar postijiet tax-xogħol. Wara li fil-baġit li għadda żidna l-allokazzjoni għas-setturi kulturali u kreattivi bi 11 fil-mija, qed naraw riżultati pożittivi f'investimenti diretti. Tajna għajnuna diretta lil 80 intrapriża kreattiva permezz tal-programm INVEX, il-*Malta Film Fund*, u l-programm ta' taħriġ għas-settur awdjoviżiv.

Investejna wkoll f'aktar minn 100 proġett artistiku permezz tal-*Malta Arts Fund* u l-Premju tal-President għall-Kreattività, filwaqt li ġew żviluppati 18-il proġett bejn skejjel u professjonisti bil-programm Kreattiv.

Dan l-investiment se nkompluh fi snin li ġejjin. Nemmnu li pajjiżna għandu potenzjal li jkompli jsaħħaħ dawn is-setturi kulturali u kreattivi. Il-kreattività tħaddem l-ekonomija, toħloq impjiegi speċjalizzati, tkabbar l-għarfien kulturali, issaħħaħ id-diversifikazzjoni fit-turiżmu, u tgħinna fil-preżenza

internazzjonali. Għalhekk, permezz ta' miżuri fiskali ġodda se nkomplu nindirizzaw b'mod strateġiku l-iżvilupp ta' dawn is-setturi.

Wara li pprovdejna l-*culture card* lil madwar 15,000 student u studenta, issa se ninċentivaw l-edukazzjoni kulturali billi nestendu l-iskema ta' tnaqqis fl-*income tax* fuq edukazzjoni sportiva, għall-edukazzjoni kulturali wkoll. Ġenituri li għandhom tfal jattendu korsijiet f'istituzzjonijiet ta' tagħlim kulturali u kreattivi se jibbenefikaw minn tnaqqis ta' €100 mid-dħul pagabbli għall-ispejjeż marbuta ma' korsijiet minn skejjel jew għalliema liċenzjati u akkreditati.

Biex ninċentivaw lil dan is-settur li jorganizza ruħu aħjar, se neżentaw il-ħlas ta' reġistrazzjoni għal kumpaniji ġodda f'dan is-settur kif ukoll il-ħlas annwali tagħhom mal-MFSA għal tliet snin, bil-għan li nkomplu ngħinu akar is-settur jikseb *status* professjonali u attività regolari.

Qed nallokaw ukoll 40,000 ewro f'Fond għall-*Public Lending Rights* sabiex permezz tiegħu awturi u tradutturi ta' kotba bil-Malti jingħataw kumpens xieraq meta l-pubblikazzjonijiet tagħhom jissellfu mil-libreriji pubbliċi.

Mr. Speaker

Wara investiment f'riċerka u strateġija għall-iżvilupp tad-*digital games*, se nkomplu ninvestu f'dan is-settur permezz ta' tliet miżuri ġodda. Nafu li t-tkabbir ta' dan is-settur jiddependi fuq l-iżvilupp ta' talent lokali. Għalhekk:

- se nwaqqfu l-*Malta Games Fund* b'investiment ta' 150,000 ewro sabiex, kif għamilna bi programmi ta' fondi oħra, ninvestu fit-tkabbir ta' l-industrija lokali permezz ta' proġetti marbuta ma' *digital games*;

- se noffru wkoll skema ta' kreditu ta' taxxa lill-kumpaniji lokali li jixtiequ jikkummisjonaw *digital games* edukattivi jew promozzjonali, liema kreditu se jingħata fuq l-ammont ta' l-iżvilupp tal-logħba jew spiża massima ta' 15,000 ewro; u

- sabiex nattiraw lejn pajjiżna aktar esperti f'dawn l-oqsma speċjalizzati, se nestendu l-iskema ta' 15 fil-mija taxxa fuq id-dħul bħala *flat rate* għall-professjonisti internazzjonali bħal *game directors* u *game designers*. Din l-iskema se nestenduha wkoll għall-akkademiċi u riċerkaturi fl-oqsma tar-riċerka u żvilupp.

Mr. Speaker

L-istrateġija għall-industriji kulturali u kreattivi tisħaq fuq l-importanza ta' *creative clusters* li jgħinu fir-riġenerazzjoni urbana u t-tkabbir fl-attività ekonomika ta' dawn is-setturi. Dan filwaqt li joffru pakkett ta' prodotti u servizzi aħjar li jistgħu jilħqu swieq barranin ukoll.

L-ewwel proġett ta' dan it-tip se jkun l-identifikazzjoni tal-Belt Valletta bħala belt kulturali u kreattiva. Filwaqt li nirrikonoxxu li r-riġenerazzjoni tal-Belt titlob investiment sostanzjali marbut mar-restawr, nagħrfu wkoll li belt issir ħajja, attrajenti u artistikament vibranti, permezz tan-nies li jgħixu u jaħdmu fiha. Għaldaqstant, se noffru skema innovattiva għal *self-employed* reġistrati bħala awturi, kompożituri, artisti fl-arti viżiva u f'dik performattiva, fil-*film*, u fid-disinn, li joperaw mill-Belt Valletta. Se nestendu wkoll l-iskema *CREATE* għaż-żona kollha tal-Belt Valletta sabiex ninkoraġġixxu aktar attività kreattiva fil-belt kapitali tagħna.

Se nibdew ukoll proġett pilota fil-Belt sabiex inkomplu nsaħħu l-potenzjal ta' Malta bħala żona ta' skambju kreattiv fil-

Mediterran, u bħala pajjiż attrajenti għas-swieq internazzjonali. Permezz ta' dan il-proġett proprjetà tal-Gvern se tiġi żviluppata bħala *creative clusters* minn gruppi artistiċi, intrapriżi kreattivi u individwi li jixtiequ jinvestu fi *studios* u *workshops*.

Dawn il-miżuri kollha se jkomplu jressqu lil pajjiżna lejn il-miri mfassla għall-kompettività fil-qasam tal-kreattività, inklużi dawk sabiex fis-sena 2018 Malta tospita il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

## 3.5 Inħarsu 'l-konsumatur

Fil-programm elettorali konna wegħdna li nsaħħu l-ħarsien tal-konsumatur. Għalhekk waqqafna din is-sena l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Id-deċiżjonijiet u l-azzjoni li qed tieħu l-Awtorità, mill-uniformijiet ta' l-iskejjel sar-roħs fil-prezzijiet tal-mediċini, mis-suq tal-provvista ta' servizzi tat-televiżjoni sa l-implimentazzjoni ta' *standards* ġodda fl-interess tal-konsumatur, jixhdu li verament waqqafna regolatur b'saħħtu.

Nedejna l-iskema *Trust You* fejn sidien ta' negozji jobbligaw irwieħhom li jagħtu servizz tajjeb lill-konsumatur. Qed insaħħu aktar l-informazzjoni lill-konsumatur sabiex ngħinuh jagħmel għażliet aħjar.

Wegħdna li nwasslu lill-importaturi u l-manifatturi biex iraħħsu l-prezzijiet tal-mediċini u, f'eżerċizzju li beda ftit aktar minn sena ilu, bl-impenn ta' kulħadd, wasalna sabiex traħħsu 176 mediċina differenti. U se nkomplu naħdmu sabiex jorħsu aktar prezzijiet ta' mediċini, Mr. Speaker.

Wegħdna li ndaħħlu liġi ġdida li tippermetti il-*class actions*. Din tagħti s-saħħa lill-konsumaturi jiftħu proċedura waħda sabiex jitolbu rimedju u l-ħlas tad-danni. Ippubblikajna abbozz u,

wara li temmejna proċess ta' konsultazzjoni, dalwaqt se nressqu liġi quddiem il-Parlament. Dan id-dritt se jingħata wkoll lill-intrapriżi, korpi kostitwiti u għaqdiet tal-konsumaturi reġistrati.

Se nfasslu rapport dwar l-istrateġija għall-edukazzjoni ta' matul il-ħajja tal-konsumatur.

L-Awtorità dwar il-Mediċini se tkompli bil-kampanja t'informazzjoni 'il-Mediċini Tiegħek' u tinforma lill-konsumaturi u lill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa dwar l-użu tajjeb tal-mediċini.

Se nipprovdu għajnuna lill-konsumatur li meta jressaq każ quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur, jintalab sabiex iħallas għas-servizz ta' l-espert imqabbad mill-Arbitru, u jispiċċa jwaqqa' l-każ minħabba l-ispejjeż involuti.

## 3.6 Ninvestu fl-integrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol

Mr. Speaker

Ix-xogħol jibqa' prijorità assoluta għal dan il-Gvern. Minbarra l-valur ekonomiku, ix-xogħol għandu wkoll valur soċjali kbir. Il-persuni li huma 'l bogħod mill-ekonomija formali huma l-aktar vulnerabbli li jaqgħu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali.

Huwa għalhekk li dan il-Baġit qed jivvota s-somma ta' 10.8 miljun ewro lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ sabiex tkompli tamministra mal-11-il programm u skema li qed iħarrġu aktar individwi biex jidħlu malajr fid-dinja tax-xogħol.

Bejn l-2009 u Settembru ta' din is-sena, aktar minn 11,000 persuna għamlu użu mill-*Employability Programme*. Qed

nistmaw li sas-sena d-dieħla mat-32,500 persuna jitħarrġu permezz ta' dan il-Programm u, għaldaqstant qed nallokaw żewġ mijun ewro.

Aktar minn 125 persuna pparteċipaw fit-*Training Subsidy Scheme* tal-ETC, u 194 persuna fl-*Academic Training Subsidy Scheme.* Il-*Work Trial Scheme* s'issa attirat 563 persuna.

Ir-riżultati miksuba bil-*Community Work Scheme* huma nkoraġġanti u, għalhekk se nkomplu nwessgħu din l-iskema matul is-sena d-dieħla. S'issa 224 persuna li kienu ilhom jirreġistraw għal ħames snin jew aktar, u li jieħdu l-benefiċċji soċjali, qed jagħmlu 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa, inkluż xogħolijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ f'ġonna pubbliċi u faċilitajiet sportivi ġewwa l-irħula tagħna.

L-*Employment Aid Programme* huwa wieħed mill-aktar programmi ta' suċċess. Bis-saħħa ta' dan il-Programm, 2,157 persuna daħlu lura fis-suq tax-xogħol bejn l-2009 u l-aħħar t'Ottubru ta' din is-sena.

L-istess riżultati qed jinkisbu fit-*Training Aid Programme* li, għall-2012, qed nallokaw 4.1 miljun ewro. Dan il-Programm jissussidja bejn 25 u 80 fil-mija ta' l-ispejjeż għal taħriġ. Saru aktar minn 3,100 applikazzjoni, li minnhom 2,191 ġew aċċettati u nħarġilhom *grant agreement* b'valur totali ta' 5.7 miljun ewro. Minn dan il-Programm se jibbenefikaw mal-20,174 persuna.

Mr. Speaker

Il-Gvern se jniedi wkoll proċess ta' konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali dwar *Active Labour Market Policy* sabiex tiġi aġġornata l-politika fit-tul rigward is-suq tax-xogħol. L-għan prinċipali huwa li ninċentivaw aktar persuni, primarjament nisa, sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. L-*Active Labour Market*

*Policy* hija pjan fit-tul sabiex tkabbar l-kontribuzzjoni tar-riżorsa umana fid-dinja tax-xogħol u li, permezz tagħha, tikber il-produzzjoni ta' l-ekonomija Maltija.

**Inizjattivi biex inħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol**

Mr. Speaker

Kif semmejt, se nibqgħu naħdmu biex aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Qed ikollna riżultati tajbin. Irridu ngħinu biex jinħoloq bilanċ bejn il-familja u l-karriera.

Matul l-aħħar 10 snin il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol telgħet minn 32.2 għal 40.5 fil-mija. Din iż-żieda hija ta' benefiċċju għan-nisa nfushom, għall-familji tagħhom u għas-soċjetà.

Se nkomplu ninvestu f'inċentivi fiskali li, permezz tagħhom, 'il fuq minn 8,600 mara daħlu lura fid-dinja tax-xogħol, waqt li ffrankaw madwar 10 miljun ewro fi ħlas ta' *income tax*.

Fl-aħħar snin ftaħna 13-il *childcare centre* sabiex it-tfal tagħna, minn età bikrija, jingħataw programm ibbażat fuq il-kunċett ta' *educare* li huwa ċentrali għall-iżvilupp tagħhom. F'dan il-Baġit qed inżidu n-nefqa għal 1.3 miljun ewro sabiex niftħu tliet ċentri ġodda. Se nkomplu nagħtu wkoll inċentivi fiskali u sussidji li jgħinu sabiex dan is-servizz ikun affordabbli u aċċessibbli għal kulħadd.

Mr. Speaker

Irridu nkomplu nipremjaw x-xogħol u l-bżulija jekk irridu verament inżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dik tan-nisa. Nibqgħu nemmnu li, f'ċirkostanzi

ekonomiċi inċerti, miżura ta' tnaqqis fl-*income tax* tinċentiva x-xogħol.

Il-mira tal-Gvern tibqa' li nwasslu lil pajjiżna biex ikun f'pożizzjoni li tippermettilna nwettqu l-aħħar parti tal-wegħda elettorali dwar tnaqqis fl-*income tax*. Nemmnu li fiċ-ċirkostanzi t-tajba din għandha tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ekonomiku. Imma s-serjetà u r-responsabbiltà jiddettaw li fil-maltemp ta' bħalissa, id-dħul ta' din il-miżura tagħmel ħsara u mhux ġid. Huwa stmat li b'din il-miżura, fl-ewwel sena, id-dħul mill-*income tax* jonqos b'madwar 40 miljun ewro. Il-Gvern huwa konvint li, maż-żmien, dan jiġi rkuprat bit-tkabbir ekonomiku li jiġġenera. Iżda, fil-maltemp ta' bħalissa dan ma jistax iseħħ.

Irridu wkoll li s-sena d-dieħla jkollna l-ispazju meħtieġ biex, jekk il-Gvern ikollu bżonn jintervjeni biex jipproteġi x-xogħol, bħal ma għamel fl-2009, dan inkunu nistgħu nagħmluh mingħajr ma pajjiżna jidħol fl-inkwiet finanzjarju li daħlu fih pajjiżi ġirien tagħna.

Mr Speaker

Kif diġà għidt, irridu nħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Irridu nagħmlu d-dinja tax-xogħol ħafna aktar attraenti għall-ġenituri bit-tfal.

Għaldaqstant, se nagħmlu riforma importanti fis-sistema ta' l-*income tax* għal dan l-iskop. Minbarra l-komputazzjoni singola u kongunta se ndaħlu kategorija ġdida msejħa l-"komputazzjoni ġenitur".

Din il-komputazzjoni se jikwalifikaw għaliha ġenituri li għandhom tfal li ma jaħdmux bi qligħ fil-kustodja tagħhom sa l-età ta' 18-il sena. Jekk it-tfal jkunu għadhom f'edukazzjoni terzjarja wara 18-il sena, din tiġi estiża sa 21 sena.

Ir-rati għal din il-komputazzjoni se jkunu kif elenkati fit-tabella 3.1 li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

**Tabella 3.1 Komputazzjoni ta' l-*Income Tax***

| | Komputazzjoni Singola (€) | Komputazzjoni Konġunta (€) | Komputazzjoni ta' Ġenitur (€) |
|---|---|---|---|
| **0%** | 0 - 8,500 | 0 - 11,900 | 0 - 9,300 |
| **15%** | 8,501 - 14,500 | 11,901 - 21,200 | 9,301 - 15,800 |
| **25%** | 14,501 - 19,500 | 21,201 - 28,700 | 15,801 - 21,200 |
| **35%** | 19,501 + | 28,701 + | 21,201 + |

Dan se jfisser li koppja miżżewwġa bit-tfal se tiffranka bejn €150 u €840 fi ħlas ta' taxxa fis-sena. 'Il fuq minn 55,000 persuna familja se jibbenefikaw minn din il-miżura li tfisser tnaqqis fid-dħul tal-Gvern mit-taxxa ta' 10 miljun ewro. Nitlob lill-Kamra tieħu tabella 3.2, b'eżempji ta' ffrankar fil-ħlas ta' l-*income tax*, bħala moqrija.

**Tabella 3.2 Eżempji ta' *savings* fl-*income tax* bir-rati l-ġodda**

| Dħul Individwali € | Ħlas ta' Taxxa Preżenti (Komputazzjoni Singola) € | Ħlas ta' Taxxa Jannar 2012 (Komputazzjoni Ġenitur) € | Differenza fit-Taxxa għal kull persuna € |
|---:|---:|---:|---:|
| 9,000.00 | 75.00 | - | - 75.00 |
| 9,250.00 | 112.50 | - | - 112.50 |
| 9,300.00 | 120.00 | - | - 120.00 |
| 9,500.00 | 150.00 | 30.00 | - 120.00 |
| 10,000.00 | 225.00 | 105.00 | - 120.00 |
| 12,500.00 | 600.00 | 480.00 | - 120.00 |
| 15,000.00 | 1,025.10 | 855.00 | - 170.10 |
| 17,500.00 | 1,650.10 | 1,400.10 | - 250.00 |
| 20,000.00 | 2,324.60 | 2,025.10 | - 299.50 |
| 21,200.00 | 2,744.60 | 2,324.60 | - 420.00 |

Irrid nieħu opportunità biex infakkar li, bit-tnaqqis ta' taxxa li tajna f'dawn l-aħħar ħames snin ħallejna 680 miljun ewro fil-bwiet tal-familji tagħna. Dan minbarra l-miżuri li ħadna favur

in-nisa b'sena bla taxxa għal kull wild, u krediti ta' taxxa li tajna lin-negozji żgħar ta' pajjiżna.

### *Leave* tal-maternità

Il-Gvern jidhirlu li l-*leave* tal-maternità għandu jiżdied minn 14 għal 16-il ġimgħa mis-sena d-dieħla u jerġa' jiżdied b'ġimgħatejn oħra fl-2013. Il-ġimgħat li qed jiżdiedu jitħallsu mill-Gvern b'rata fissa ta' 160 ewro fil-ġimgħa. Il-Gvern iqis li din il-miżura għandha tidħol wara diskussjoni fl-MCESD. Għalhekk, il-Gvern qed jitlob lill-MCESD biex sa l-aħħar ta' din is-sena jiddiskuti u jikkonkludi kif l-aħjar tiġi mdaħħla din il-miżura u kif ikollha l-anqas impatt negattiv fuq is-settur privat, speċjalment għan-negozji ż-żgħar.

### Miżuri oħra

Se ndaħħlu emendi wkoll fir-regoli dwar it-taxxa fuq ix-xogħol *part-time* sabiex jitneħħew xi anomaliji li kienu qed jolqtu ħażin, b'mod speċjali lill-pensjonanti u lil xi ħaddiema tal-Gvern.

Sal-lum, pensjonanti li jagħmlu *part-time* mal-Gvern ma setgħux igawdu mir-rata ta' 15 fil-mija, filwaqt li dawk li jaħdmu *part-time* mal-privat setgħu. Din id-distinzjoni se tispiċċa u, dawn il-pensjonanti kollha issa se jkunu jistgħu jgawdu mir-rata favorevoli ta' 15 fil-mija fuq xogħol *part-time*.

Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "*same employer*" fil-każ ta' ħaddiema fis-settur pubbliku se titwessa' aktar għax bħalissa qed tillimita l-benefiċċju wisq. Il-Gvern mhux se jibqa' jitqies bħala "*same employer*" jekk l-entitajiet involuti huma fil-fatt differenti minn xulxin. Dan sabiex aktar ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-15 fil-mija fuq xogħol *part-time*.

Se nestendu wkoll id-*deadline* għall-ħlas tal-15 fil-mija fuq xogħol *part-time* mill-15 ta' Frar għat-30 ta' Ġunju biex jingħata aktar żmien biex dak li jkun jirregola ruħu u jagħmel il-ħlas dovut.

**Tisħiħ fl-infurzar fiskali**

Il-proċess ta′ l-amalgamazzjoni tad-dipartimenti tat-taxxa se jkompli. Dan għandu jwassal għal kordinament akbar u t-tisħiħ ta′ l-infurzar tat-taxxa f′pajjizna.

Irridu nagħmlu użu akbar mit-teknoloġija ta′ l-informatika sabiex ikompli jitjieb is-servizz, inkluż l-*online filing* tal-*VAT returns*.

Barra minn hekk, konxji mill-problemi li jeżistu f′ċerti negozji li, waqt li jixtiequ jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom qed isibu dan diffiċli minħabba l-ammont ta′ multi li akkumulalhom, il-Gvern se jniedi skema limitata fiż-żmien fejn dawk li waqgħu lura fil-ħlasijiet tal-VAT ikunu jistgħu jirregolarizzaw ruħhom.

Għaldaqstant dawk li sal-15 t'Ottubru 2011 kellhom jibgħatu xi denunzja jew denunzji tal-VAT u ma bagħtuhomx, jew li għandhom xi arretrati xi jħallsu, se jingħataw ċans sal-15 ta' Jannar biex jibgħatu d-denunzji neqsin. L-arretrati dovuti se jkunu jistgħu jitħallsu sal-15 ta′ Jannar 2013, bi tnaqqis ta′ l-ammont ta' penali u ta' interessi akkumulat, skont it-tul tal-perjodu li fuqu se jsir il-ħlas. Dettalji ta′ din l-iskema se jitħabbru f'Avviż Legali li se jiġi ppubblikat.

Din l-iskema se tkun tapplika biss għall-arretrati akkumulati sal-lum. Waħda mill-kundizzjonijiet hi li r-*returns* li jagħlqu minn għada l-15 ta' Novembru 'l quddiem, jibgħatu fil-ħin u bil-pagament sħiħ.

## Dazji u sisa

Ir-rata ta' dazju fuq il-fjuwil għall-*bunkering* tal-vapuri barra l-ibħra nazzjonali se tiżdied għal €5 kull tunnellata. Dan mhu se jaffettwa bl-ebda mod il-prezz ta' fjuwil mibjugħ f'pajjiżna. Ir-rata tad-dazju fuq is-siment se tiżdied bi €3 kull tunnellata, filwaqt li r-rata tas-sisa minima fuq is-sigaretti se titla' b'5.8 fil-mija fuq kull pakkett t'20 sigarett. Is-sisa fuq prodotti oħra tat-tabakk se tiżdied bi 8.5 fil-mija. Għar-rigward it-telefonija ċellulari, is-sisa se tibqa' l-istess għalkemm se tinbidel il-bażi mit-tariffa għall-volum.

# 4. Programm t'investiment fl-ambjent u l-infrastruttura ta' pajjiżna

L-investiment fl-ambjent u l-infrastruttura ta' pajjiżna jibqgħu pilastru ewlieni fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna u kontributur għax-xogħol. F'dan il-Baġit qed ninvestu bil-kbir biex intejbu l-ambjent tagħna, it-toroq, l-arja, il-postijiet pubbliċi, l-ibliet u l-irħula tagħna, il-baħar u l-portijiet, u Għawdex.

Fassalna l-abbozz tal-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent li, wara konsultazzjoni, qed tiġi finalizzata. Din il-Politika għandha sitt għanijiet: l-iżvilupp ta' l-ekonomija ambjentali, l-użu tar-riżorsi b'mod aktar effiċjenti u għaqli, it-tħaris tas-saħħa ambjentali, it-tisbiħ tal-lokalitajiet urbani, rurali u kostali, it-tħaris t'Għawdex u l-Viżjoni Eko-Għawdex, l-isfidi tal-bidla fil-klima u emerġenzi ambjentali, u l-biodiversità. Qed jiġu proposti numru ta' miżuri, li wħud minnhom diġà bdew jiġu implimentati, jew bdiet ħidma fuqhom, filwaqt li oħrajn huma ppjanati li jidħlu fis-seħħ aktar 'il quddiem.

Biex din il-Politika Ambjentali sseħħ, irridu niddedikaw riżorsi għall-implementazzjoni tagħha: finanzjarji u umani. Għalhekk, komplejna nsaħħu d-Direttorat ta' l-Ambjent fil-MEPA, u se nkomplu nsaħħuħ.

Matul is-snin, investejna bil-kbir fl-infrastruttura meħtieġa biex nindirizzaw problemi ambjentali. Irridu ninvestu aktar:

- fl-infrastruttura tagħna, fil-patrimonju ta' pajjiżna, fit-toroq u l-ispazji pubbliċi, u f'anqas tniġġiż ta' l-arja mit-traffiku;

- f'sistemi ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku aktar nodfa u ninċentivaw l-użu ta' l-enerġija alternattiva; u
- fl-ibliet u l-irħula tagħna biex intejbu id-dehra tagħhom, u l-kwalità tal-ħajja tal-poplu li jgħix fihom.

Irridu nimxu aktar lejn sistema ta' konsum u produzzjoni b'kuxjenza ambjentali akbar. Il-Gvern irid ikun ta' eżempju, anke għaliex huwa l-konsumatur ewlieni fl-ekonomija ta' pajjiżna.

Wasalna wkoll sabiex invaraw l-istrateġija tagħna għall-ixprunar tal-*Green Economy*. Inizjattiva tagħna li fuqha ħdimna mill-qrib ma' ħafna, fosthom diversi korpi kostitwiti, li lkoll taw sehemhom sabiex flimkien niftħu settur ieħor fl-ekonomija tagħna li għandu joħloq aktar xogħol u ġid. Fix-xhur li ġejjin se nkunu qegħdin naħdmu kemm mal-ETC kif ukoll ma' l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna sabiex noħolqu programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema li jridu jaħdmu f'dawn l-oqsma ġodda ta' l-ekonomija tagħna.

## 4.1 Investiment fl-infrastruttura, fil-patrimonju, u f'anqas tniġġiż ta' l-arja

Toroq aħjar iżidu l-effiċjenza fit-toroq tagħna u jnaqqsu il-konġestjoni u t-tniġġis ta' l-arja. Matul din is-sena, tajna spinta fix-xogħlijiet tat-toroq arterjali u residenzjali. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ix-xogħlijiet mistennija jkunu lesti s-sena d-dieħla.

Se nkomplu bix-xogħlijiet fuq 140 triq residenzjali ġdida u se ninvestu 'l fuq min 50 miljun ewro fuq it-toroq arterjali ta' pajjiżna. Dawn jinkludu Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb fil-Marsa, Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa u Triq Garibaldi f'Ħal Luqa, Triq il-Marfa fil-Mellieħa, u t-triq li mix-Xewkija twassal sar-Rabat

f'Għawdex. Bdejna x-xogħol fuq l-*underpass* ta' Triq Diċembru Tlettax u fil-Bypass ta' Pennellu fil-Mellieħa.

Il-Kunsilli Lokali wkoll qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex intejbu t-toroq f'pajjiżna. Fassalna skema ta' *public private partnership* għal toroq residenzjali, u fl-aħħar sentejn, investejna aktar minn 15-il miljun ewro għal dan il-għan. Il-proġett huwa ambizzjuż iżda r-riżultati qed jidhru. Tlestew aktar minn 230 triq fis-Swieqi, il-Għargħur, Birkirkara, in-Nadur, San Pawl il-Baħar, Ħad Dingli, ix-Xagħra, l-Imqabba, Kerċem, Ħal Lija, Għajnsielem, il-Gżira u n-Naxxar. Fix-xhur li ġejjin se nkomplu nibnu aktar minn dawn it-toroq, u għalhekk qed inżidu dan il-vot għal 1.4 miljun ewro.

## Ir-riforma fit-trasport pubbliku

Minkejja d-diffikultajiet fit-twettieq ta' din ir-riforma, il-Gvern jemmen li meta din tilħaq il-miri ambizzjużi li poġġejna għaliha, tagħti kontribut pożittiv u importanti għall-ambjent, il-kwalità tal-ħajja, u l-effiċjenza ekonomika tal-pajjiż, filwaqt li tonqos id-dipendenza fuq l-infieq pubbliku.

Illum għandna flotta ta' karozzi Euro V. L-emmissjonijiet tnaqqsu sew, u l-karozzi huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, l-anzjani, u ġenituri bil-*pushchairs*.

Nagħrfu li fadlilna ħafna biex ikollna servizz ta' trasport pubbliku kif jixtieq il-poplu Malti. Madanakollu aħna determinati li naslu.

## Inkomplu ninċentivaw vetturi privati aktar nodfa fit-toroq tagħna

Il-politika tal-Gvern hi li jippromwovi karozzi iżjed nodfa fit-toroq tagħna b'anqas emmissjonijiet fl-arja li nieħdu. L-Unjoni

Ewropea ċċertifikat li għandna sistema ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li tilħaq oġġettivi ambjentali

L-età medja tal-karozzi privati fit-toroq tagħna hi ta' madwar 12-il sena, li hija għolja meta mqabbla mal-medja fl-Unjoni Ewropea. Is-sena l-oħra konna daħħalna l-kunċett ta' *Euro standard* fit-taxxa ta' reġistrazzjoni għal vetturi kummerċjali. Wasal iż-żmien li ndaħħlu dan il-prinċipju wkoll għal karozzi privati fejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni tibda tinħadem fuq il-*Euro standard*, dijosiddju ta' karbonju, *particulate matter*, tul u valur tal-karozza skont il-fattura.

Madwar 19 fil-mija tal-karozzi li ġew reġistrati din is-sena kienu tat-tip Euro 1 sa 3 jew aktar qodma, meta fl-istess perjodu kellna skema biex inneħħu vetturi qodma minn fuq it-toroq u jinbidlu b'vetturi b'emissjonijiet aktar baxxi. Għaldaqstant, b'effett mill-1 ta' Jannar it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq l-emissjonijiet għal karozzi Euro 1 sa 3, u ta' qabel, li jniġġzu aktar, se tiżdied. Karozzi bl-emissjonijiet Euro 4 u Euro 5 jibqgħu jħallsu l-istess rati tal-lum.

Biex inkomplu nilħqu l-miri ambjentali f'dan il-qasam għat-tieni sena konsekuttiva se nagħtu inċentiv lil min jixtri karozza ġdida li tagħmel anqas ħsara lill-ambjent u fl-istess waqt jiskrappja karozza qadima. L-inċentiv se jammonta għal 15.25 fil-mija fuq il-valur tal-karozza skont il-fattura maħruġa mill-manifattur jew mill-aġent awtorizzat tal-manifattur sa massimu ta' 2,000 ewro. Il-karozza trid tkun ġdida u b'magna Euro 5 jew aħjar b'livell baxx ta' emissjonijiet sa' 150g/km u twila mhux iżjed minn 4,460mm.

L-iskema tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Diċembru 2011 u tibqa' fis-seħħ għal sena jew sa meta jibbenefikaw 3,000 persuna.

**Liċenzji tal-vetturi**

Jirriżulta li hawn numru ta' persuni li għandhom ħlasijiet pendenti ta' liċenzji jew ħlasijiet amministrattivi marbuta mal-karozzi. Se nagħmlu skema fejn, persuni li għandhom liċenzji tal-vetturi jew ħlasijiet amministrattivi b'lura, ikunu jistgħu jirregolarizzaw ruħhom.

Min iddispona mill-vettura, u ma nfurmax lil Transport Malta se jkun jista' jirregolarizza ruħu billi jħallas penali ta' €125. Wieħed jista' jiddeċiedi li jiskrappja l-vettura u jħallas l-istess penali. Min iggaraxxja l-vettura u ma rritornax il-pjanċi lill-Awtorità tat-Trasport se jkun jista' jirregolarizza ruħu billi jħallas penali ta' €125 u nofs il-ħlas tal-liċenzji dovuti. Min għandu vettura iżda għandu ħlasijiet pendenti u jixtieq ikompli juża l-vettura fit-triq se jkun jista' jagħmel dan billi jirregolarizza ruħu, iħallas il-liċenzji li għandu b'lura u jħallas penali ta' €125.

L-iskema se tkun miftuħa għal sena mill-1 ta' Jannar 2012.

## 4.2 Inkomplu ninvestu f'sistemi ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku aktar nodfa u ninċentivaw l-użu ta' l-enerġija alternattiva

Mr. Speaker

Il-qasam ta' l-enerġija huwa fil-qalba tas-soċjetà, ta' l-ambjent u ta' l-ekonomija tagħna.

Smajna ħafna kontra l-investiment li qegħdin nagħmlu fis-sistema ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni ta' l-elettriku. Iżda, tajjeb li niftakru, li meta s-sena d-dieħla tibda topera l-estensjoni tal-*power station* ġewwa Delimara, kulħadd se jibda jgawdi l-frott tagħha. Dan għaliex, minbarra t-titjib fil-kwalità ta' l-arja,

il-proġett il-ġdid se jfisser tnaqqis ta' madwar 30 fil-mija tal-konsum ta' fjuwil.

Kif juru l-Estimi tal-Korporazzjoni Enemalta, li se jiġu preżentati lil din il-Kamra fil-ġranet li ġejjin, iż-żejt mixtri mill-Korporazzjoni għall-2012 mhux anqas minn 99 dollaru l-barmil, meta t-tariffi huma maħduma fuq xiri ta' żejt bil-prezz ta' 81 dollaru l-barmil. Madanakollu, il-Korporazzjoni mhux se jkollha għalfejn titlob għal reviżjoni fit-tariffi minħabba l-impatt pożittiv li se jkollha l-estensjoni tal-*power station* ta' Delimara f'anqas konsum ta' fjuwil biex tipproduċi l-istess livell ta' l-elettriku.

Għalhekk, minkejja li l-prezz taż-żejt żdied b'madwar 30 fil-mija fl-aħħar sentejn, se nkunu nistgħu nżommu t-tariffi fuq l-istess livell tal-lum. Jiġifieri, l-ammont ta' 20 miljun ewro li se niffrankaw, se ngħadduh kollu lill-konsumatur.

Mr. Speaker,

Reċentament l-Oppożizzjoni ħadet pożizzjoni fejn qalet li jekk tkun fil-Gvern tagħmel spostament minn sistemi ta' tassazzjoni diretti għal taxxi fuq dawk l-oqsma li jħammġu l-ambjent. Nieħdu gost li wara numru ta' snin l-Oppożizzjoni ġiet taqbel mal-Gvern. Nixtieq infakkar li fir-riforma fiskali li konna ppubblikajna fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit tal-2007, konna għidna:

"Fuq medda ta' żmien medja, il-Gvern jemmen li, il-proċess tat-trasferiment tal-piż tat-tassazzjoni minn fuq id-dħul għal fuq il-konsum u l-ambjent, ibbażat fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, għandu jkun iċ-ċentru strateġiku ta' kull bidla futura…"

Fid-dawl ta' dan, mill-baġit tal-2008 naqqasna konsistentement il-piż tat-taxxa fuq id-dħul, waqt li t-tariffi tad-dawl u ta' l-ilma

bdew jirriflettu l-prezz internazzjonali taż-żejt, u l-investiment fis-sistemi ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni. Hawn irrid infakkar li dan qed ifisser li kull sena l-Gvern qed jiġbor 152 miljun ewro anqas fis-sena, ħafna aktar minn dak li l-Enemalta ġabret minn fuq il-kontijiet riveduti.

Barra t-tnaqqis fit-taxxa, il-Gvern ta numru ta' inċentivi biex il-familji jinvestu f'*solar water heaters*, panelli fotovoltajċi, skemi biex in-nies jaħlu anqas enerġija, bħal skemi ta' l-*appliances*, tal-bozoz, u oħrajn.

Irrid infakkar li, minbarra investiment ta' 183 miljun ewro fl-estensjoni tal-*power station*, qed ninvestu wkoll f'*interconnector* li se jgħaqqadna mal-grid Ewropew ta' l-enerġija b'investiment ta' 150 miljun ewro. Dan huwa importanti biex naqdu t-talba dejjem tiżdied għall-enerġija, u se jkun pass importanti biex nilħqu l-miri ambizzjużi li għandna fil-qasam ambjentali, filwaqt li nnaqqsu d-dipendenza tagħna fuq il-prezzijiet mill-aktar volatili taż-żejt.

Barra minn hekk, qed nikkunsidraw pjan t'investiment f'infrastruttura ta' *pipeline* li jwassal lejn Malta gass naturali min-*network* Ewropew. Din l-infrastruttura tirrikjedi ammont sostanzjali ta' riżorsi finanzjarji. Il-Gvern diġà għamel każ mal-Kummissjoni Ewropea biex Malta tiġi allokata fondi u l-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju 2014-2020, qed tipproponi li Malta tirċievi fondi biex tagħmel dan il-proġett.

Bis-saħħa ta' dan il-proġett, se jorħos ukoll il-prezz tal-gass għall-konsumatur Malti. Tajjeb insemmu li llum il-prezz tal-gass LPG, li huwa użat f'Malta, huwa 11ċ għal kull *kilowatthour*. F'pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea, li għandhom infrastruttura ta' distribuzzjoni tal-gass naturali lid-djar, il-prezz li tħallas

mara tad-dar għall-gass hija ferm anqas. Fl-Italja, per eżempju, il-prezz huwa ta' 7ċ għal kull *kilowatthour*, 36 fil-mija anqas minn dak li tħallas mara tad-dar f'Malta, filwaqt li fl-Irlanda, il-prezz huwa ta' 5ċ ghal kull *kilowatthour*, 55 fil-mija anqas.

**Biex inkomplu nassistu lill-familji tagħna jilqgħu għall-isfidi fis-settur ta' l-enerġija**

F'dawn l-aħħar snin tajna diversi inċentivi lill-familji biex dawn jinvestu u jilqgħu għall-isfidi fis-settur ta' l-enerġija. Din is-sena ftaħna skema oħra biex ngħinu lill-familji jinvestu f'sistemi ta' pannelli fotovoltajċi. L-interess kien kbir u daħlu 3,559 applikazzjoni. Dawn qed jiġu pproċessati u se jinħarġu *grant offer letters* biex l-applikanti li jissodisfaw il-kriterji jixtru, jinstallaw u jħallsu għas-sistema. Flimkien mal-familji li applikaw, investejna aktar minn 30 miljun ewro għal din l-iskema.

Matul din is-sena wkoll, ftaħna skema ta' għajnuna għall-familji Maltin u Għawdxin li jinvestu *f'solar water heaters*. Din l-iskema qed titħaddem flimkien ma' skema oħra għal xiri ta' *solar water heaters* minn familji li jissodisfaw numru ta' kriterji soċjali. Sal-aħħar t'Ottubru ġew ipproċessati 1,014-il applikazzjoni għal għotja ta' €400. Dan b'investiment totali ta' 1.6 miljun ewro. Fl-iskema għal familji bi kriterji soċjali, qed jiġu proċessati 15-il applikazzjoni u dan se jwassal biex dawn il-familji jinvestu 'l fuq minn 8,000 ewro.

Bl-iskemi li konna nidejna fl-2009 u fl-2010, 1,771 familja bbenefikaw minn għotja biex jixtru pannelli fotovoltajċi b'investiment ta' 18-il miljun ewro. Fi skema oħra, 3,466 familja bbenefikaw minn għotja għal xiri ta' *solar water heater* b'investiment totali ta' aktar minn 6.5 miljun ewro.

Is-sena d-dieħla, barra dawn l-iskemi li qed jiġu estiżi, se ndaħħlu skema oħra għal min irid jinvesti fl-insulazzjoni tas-soqfa u l-aperturi tad-djar. Se nagħtu għotja ta' 15.25 fil-mija, sa massimu ta' 1,000 ewro, lil min jagħmel dan l-investiment. Qed nivvotaw is-somma ta' 400,000 ewro għal dan l-iskop.

## 4.3 Investiment akbar fl-ibliet u l-irħula tagħna biex intejbu id-dehra tagħhom u l-kwalità tal-ħajja tal-poplu li jgħix fihom

Il-Kunsilli Lokali qed jagħtu kontribut importanti biex iwettqu l-politika tal-Gvern għal ambjent aħjar fl-ibliet u l-irħula tagħna. Aħna emminna fil-Kunsilli Lokali sa mit-twaqqif tagħhom. Irridu li l-Kunsilli Lokali jkunu f'pożizzjoni li jagħtu l-aħjar u l-aqwa servizzi lir-residenti tagħhom billi jkomplu jsaħħu l-identità tal-lokalitajiet tagħhom, ikomplu jtejbu l-infrastruttura, jirrestawraw postijiet storiċi, jassiguraw lokalitajiet indaf, itejbu l-prodott turistiku ta' pajjiżna, u jieħdu ħsieb il-postijet pubbliċi.

F'dawn l-aħħar tliet snin u nofs, il-Gvern għadda madwar 120 miljun ewro lill-Kunsilli Lokali biex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, jagħtu l-aħjar servizz lir-residenti, u jimplimentaw numru ta' proġetti, installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi, *upkeep* ta' *playing fields* u postijiet pubbliċi, attivitajiet kulturali, u r-restawr ta' binjiet u monumenti storiċi.

Se nkomplu nżidu r-riżorsi finanzjarji u umani biex il-Kunsilli Lokali jkomplu jtejbu s-servizz li diġà jagħtu lir-residenti fil-lokalitajiet tagħhom. Se nżidu l-allokazzjoni minn 29 miljun għal 32 miljun ewro. Qed nallokaw ukoll miljun ewro għal inizjattivi speċjali fil-lokalitajiet.

Wieħed irid ifaħħar lil dawk il-Kunsilli Lokali li qed jieħdu l-opportunità mill-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea biex ikomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħhom.

Matul din is-sena komplejna nagħtu lura spazju lill-pubbliku għar-rikreazzjoni tal-familji. Ftaħna park fi Xrobb l-Għaġin. Tajna dehra ġdida lix-xatt u l-pjazza ta' Marsaxlokk. Ftaħna Triq Bisazza ġewwa Tas-Sliema bħala żona pedonali.

Is-sena d-dieħla se nkomplu ninvestu biex nagħtu aktar spazji lin-nies billi niftħu ġnien ġdid ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, nibdew nibnu Ċentru Ċiviku ġdid ġewwa s-Swieqi, inkomplu bil-proġett tal-*Golden Mile* f'San Ġiljan, u nagħmlu diversi xogħlijiet fuq ċentri storiċi fost l-oħrajn.

Qed ninvestu wkoll fin-naħa t'isfel ta' Malta. Komplejna bix-xogħol fuq il-proġett "*Stronger Cottonera Communities*" li jinkorpora t-tisbiħ tal-Baċir Numru Wieħed ġewwa Bormla. Dan il-proġett se jiswa 9.6 miljun ewro, u s'issa tlestew il-Ġnien ta' San Ġwann t'Għuxa, ir-restawr tal-binjiet tal-Verdala u ta' San Nikola. Introduċejna wkoll sistema ġdida ta' trasport pubbliku li tgħaqqad it-tlett ibliet bejniethom, u ma' l-inħawi tal-madwar.

Issottomettejna applikazzjoni għall-Fondi Ewropej għar-restawr u l-użu tal-Forti Sant'Iermu, proġett ta' 15-il miljun ewro. Qed jiġu mħejjija id-*development briefs* tal-proġetti fil-bini storiku madwar il-Baċir Numru Wieħed, il-Pixkerija, u dak li sal-lum hu l-Isptar Sir Paul Boffa.

Għaddej ix-xogħol fit-tempji tal-Ġgantija f'Għawdex, *nature trails* fil-*park* ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, restawr u rijabilitazzjoni fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu u fid-Domus Romana, xogħlijiet fuq it-Torri ta' l-Arloġġ u fil-Mużew

Marittimu, u xogħol ta' konservazzjoni fil-Palazz ta' Verdala u l-Palazz ta' San Anton.

Matul is-sena li ġejja, se nkomplu naħdmu fuq numru ta' proġetti, fosthom fil-Forti Sant'Anġlu, fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, fit-Tempji tal-Ġgantija, ta' Ħal Tarxien u l-Katakombi ta' San Pawl, fil-Banjijiet Rumani ta' Għajn Tuffieħa u l-Katakombi Ta' Bistra fil-Mosta, u fil-Katakombi ta' Santu Wistin fir-Rabat. Dan minbarra li se jitkompla r-restawr tas-swar u l-fortifikazzjonijiet tal-Belt Valletta, l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċitadella t'Għawdex, b'investiment ta' 36 miljun ewro.

**Il-Belt Valletta**

Ix-xogħol fuq il-proġett ta' Bieb il-Belt, il-Parlament il-ġdid, is-sit tat-Teatru Rjal, u l-pjazza l-ġdida maġenb il-Knisja ta' Santa Katerina, għaddej ġmielu. Dan il-proġett jinkludi wkoll ġnien kbir fil-foss taħt Bieb il-Belt. L-investiment għal dawn il-proġett se tlaħħaq mat-80 miljun ewro. Proġetti bħal dawn joħolqu x-xogħol, jitfgħu l-flus fil-bwiet tal-ħaddiema tagħna, u jikkontribwixxu lejn l-ekonomija waqt li jagħmlu pajjiżna aktar modern u t'attrazzjoni għat-turisti.

Qed inżommu mal-wegħda tagħna li lill-Belt Valletta nagħtuha d-dinjità li jixirqilha.

Tkompla wkoll il-proġett ta' pavimentar tat-toroq fiċ-ċentru tal-Belt Valletta b'investiment ta' żewġ miljun ewro.

Filwaqt li, kif għidt, se nkomplu għaddejjin bil-proġett ta' restawr tas-swar se nlestu wkoll ix-xogħol fuq *Biagio Steps* fil-Belt Valletta li se jservi ta' ċentru interattiv dwar il-fortifikazzjonijiet ta' pajjiżna.

Barra minn hekk, qed nivvutaw 400,000 ewro għal programm intensiv ta' restawr fuq ġewwa tal-Palazz tal-Grammastru.

Fil-baġit għas-sena d-dieħla qed nallokaw ukoll 250,000 ewro biex ikompli x-xogħol ta' tħejjija sabiex Malta tospita l-Belt Kulturali Ewropea fl-2018.

**Skema li tħeġġeġ ir-restawr u rinnovazzjoni ta' proprjetajiet skedati u dawk f'ċentri urbani**

Il-bini vojt u mitluq fiċ-ċentri ta' l-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin qed jiżdied. Ir-raġunijiet jinkludu kawżi ta' wirt, spejjeż ta' restawr u konservazzjoni għolja u restrizzjonijiet fl-użu.

Il-Gvern jemmen fil-valur ta' l-investiment fl-ambjent urban. Dan l-investiment joħloq ambjent aħjar u xogħol fil-lokalitajiet, filwaqt li jiddirezzjona l-enerġija tas-settur tal-kostruzzjoni lejn żoni urbani li jeħtieġu riġenerazzjoni.

Għalhekk, se nintroduċu numru ta' inċentivi marbuta ma' xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni ta' bini skedat fil-gradi 1 u 2, kif ukoll proprjetajiet f'*UCAs*:

1. Eżenzjoni mill-Boll fuq id-Dokumenti fit-trasferiment bejn l-eredi sabiex niffaċilitaw il-konsolidament ta' l-*ownership* tal-proprjetà, tali konċessjoni tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013;

2. Skema għal persuni privati li jixtiequ jirrestawraw il-proprjetà tagħhom fejn se tingħata rifużjoni ta' 20 fil-mija fuq l-ispejjeż ta' restawr sa massimu ta' 5,000 ewro;

3. Għal persuni jew kumpaniji li jinvestu fir-restawr ta' dawn il-proprjetajiet biex ibiegħu jew jikru se tingħata konċessjoni ta':

    - *Final witholding tax* ta' 10 fil-mija fuq dħul minn kera għal skop residenzjali, u 15 fil-mija fuq id-dħul minn kera għal skop kummerċjali; u

    - *Final witholding tax* ta' 10 fil-mija fil-każ ta' bejgħ jew titħallas 30 fil-mija flok 35 mija taxxa fuq il-qligħ; u

4. Kreditu ta' taxxa ta' 20 fil-mija fuq in-nefqa li tikkwalifika għal restawr ta' proprjetà għal skop kummerċjali tal-kumpanija u din titla' għal 30 fil-mija fil-każ ta' proprjetajiet skedati grad 1 u 2.

Il-MEPA se tkun qed twessa' l-użu permissibbli għal dawn it-tip ta' proprjetajiet biex, fost l-oħrajn, ikunu permissibbli *guest houses*, uffiċini, u użi oħra kummerċjali, iżda kompatibbli u kumplimentari ma' żoni residenzjali.

Wieħed irid jiċċara li l-benefiċċju japplika meta proprjetà qed tiġi restawrata u rinnovata, u mhux jekk titwaqqa' biex tinbena mill-ġdid.

## 4.4 Investiment fl-infrastruttura marittima

Din is-sena komplejna nsaħħu wkoll l-infrastruttura marittima tagħna. Sar xogħol intensiv fuq ix-Xatt ta' Lascaris biex miegħu jistgħu jorbtu fost l-akbar *cruise liners* fid-dinja. Għaddej b'ritmu tajjeb ukoll ix-xogħol ta' tiswija fuq il-*breakwater* ta' Marsaxlokk, filwaqt li beda x-xogħol ta' tħejjija fuq id-*Deep Water Quay* tal-Port il-Kbir. Dan kollu b'investiment ta' 27.3 miljun ewro.

Għaddej xogħol intensiv ukoll fuq it-*terminal* tal-passiġġieri fiċ-Ċirkewwa, filwaqt li qed isiru l-pedamenti għat-toroq interni ta' madwar it-terminal, b'investiment totali ta' 12-il miljun ewro.

Barra minn hekk, il-Gvern qed iżomm il-wegħda tiegħu li jerġa' jibni l-lift mix-Xatt ta' Lascaris sal-Barakka ta' Fuq biex ikun aktar faċli li wieħed jasal fiċ-ċentru tal-Belt. Dan il-proġett, li se jiswa 2.5 miljun ewro, se jkun aċċess importanti u komdu għall-eluf li jżuruna bil-*cruise liners*. Iżda se jinkoraġġixxi wkoll li jerġgħu jibdew il-vjaġġi bejn il-Belt u l-Kottonera bil-baħar, mhux biss mit-turisti.

## 4.5 Immaniġġjar ta' l-iskart

Fl-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu kien stipulat li għandna nħeġġu biex l-iskart jinfired biex inbiddlu dan l-iskart f'riżorsa. Aħna lkoll għandna nagħmlu minn kollox biex ir-riżors li jista' jiġi rkuprat mill-iskart nużawh għall-benefiċċju Nazzjonali. Biex nilħqu dan il-għan, il-Gvern investa dak kollu meħtieġ biex ninfurmaw lill-pubbliku u biex niżviluppaw il-faċilitajiet meħtieġa. Aktar investiment sa jiġi ddedikat biex nibqgħu nżidu l-parteċipazzjoni tagħna wkoll f'din l-industrija ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart.

Matul din is-sena huwa mistenni li jinġabru madwar 20,000 tunellata ta' skart reċiklabbli separat.

Il-prodotti li jirriżultaw minn dan l-iskart joħorġu għall-bejgħ kull xahar. L-aħjar offerti jintgħażlu u l-iskart jinbiegħ biex jiġi esportat għar-riċiklaġġ. Dan jista' jsir għax b'mod għaqli l-Gvern fl-aħħar snin ħadem biex, bħal-lum eżattament sena ilu, ġie nawgurat il-kumpless ambjentali ta' Sant'Antnin f'Wied il-Għajn. Illum għandna impjant ta' l-ogħla *standard* li l-iskart jisfruttaħ f'riżorsa.

Issa li l-iskemi għall-ġbir ta' l-ippakkeġġjar mexjin, qed jinħass il-bżonn li jitjieb il-kordinament bejn l-awtoritajiet regolatorji, l-iskemi u r-rappreżentanti tan-negozji li jpoġġu dan it-tip ta' skart fis-suq tagħna. Għal dan il-għan u, sabiex inkomplu nsaħħu l-infurzar tar-regolamenti dwar l-ippakkeġġjar f'pajjiżna, se nwaqqfu *Producer Responsibility Monitoring and Enforcement Committee* b'rappreżentanti ta' kull min għandu nteress f'dan il-qasam, inkluż dawk ta' l-iskemi awtorizzati, sabiex inkomplu nsaħħu dak li rnexxielna niksbu s'issa.

# 5. Għawdex

Mr. Speaker

Għawdex jibqa' għandu bżonn kunsiderazzjoni speċjali jekk irridu li niżguraw li familji Għawdxin ukoll igawdu mis-suċċess sħiħ ta' pajjiżna.

Ix-xogħol f'Għawdex ukoll prijorità ewlenija. Din is-sena, ħadna numru t'inizjattivi favur l-operaturi u l-familji Għawdxin, inkluż:

- 200 intrapriża Għawdxija bbenefikaw mill-iskema *Microinvest*;
- aktar minn 150 intrapriża li flimkien jimpjegaw aktar minn 450 ħaddiem Għawdxi bbenefikaw mill-*Employment Aid Programme*; u
- 411-il familja Għawdxija pparteċipaw fl-iskema ta' installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi, filwaqt li 209 familja bbenifikaw minn l-iskema ta' *solar water heaters*.

## 5.1 Proġetti

Matul l-2011 komplejna bix-xogħol fuq għadd ta' proġetti li, uħud minnhom ġew konklużi, filwaqt li oħrajn mxew sewwa. Fost dawn insibu:

- il-bini mill-ġdid tat-toroq Ta' Pinu u tax-Xlendi, u xogħlijiet fit-triq tad-Dwejra, b'investiment ta' 1.1 miljun ewro;
- xogħol fuq il-biċċerija;

- investiment f'apparat ġdid fid-dipartiment tar-Radjoloġija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex sabiex saru aktar minn 800 *CT Scan*, u nisa Għawdxin ipparteċipaw fil-*Breast Screening Programme* f'Għawdex stess;

- investiment ta' 1.5 miljun ewro fl-*upgrading* fis-sistema ta' l-IT fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex din issa ġiet mqabbda mal-Isptar Mater Dei;

- xogħlijiet ta' tisbiħ f'Villa Rundle, li dalwaqt ikunu lesti;

- il-konklużjoni fil-*masterplan* dwar iċ-Ċittadella bħala bażi għal numru ta' proġetti ta' restawr u rijabilitazzjoni;

- l-egħluq ta' l-aħħar ħruġ tad-drenaġġ f'Wied il-Mielaħ;

- ir-riforma fit-Trasport Pubbliku u x-xogħlijiet ta' ristrutturar fil-venda tar-Rabat; u

- t-tfassil ta' strateġija għall-iżvilupp tal-ħiliet tar-riżorsi umani u kif l-ekonomija Għawdxija tista' tkompli tiġġedded.

## 5.2 Rabta permanenti bejn Għawdex u Malta

Matul din is-sena, il-Gvern beda l-ewwel studji dwar il-possibbiltà ta' mina bejn Għawdex u Malta. Dawn l-istudji għandhom iwasslu biex ikollna stampa ċara ta' x'inhuma l-għażliet li jistgħu jkunu kunsidrati biex Għawdex ikollu rabta permanenti ma' Malta. Dan huwa proċess twil u sensittiv li jista' jkollu impatt enormi fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali t'Għawdex, u għalhekk irid isir b'mod li jippermetti li ssir l-għażla strateġika li l-aktar se tibbenifika lil Għawdex fit-tul.

## 5.3 It-turizmu f'Għawdex

Fil-baġit għal din is-sena allokajna, għall-ewwel darba, nofs miljun ewro għar-reklamar tal-gżira Għawdxija bħala destinazzjoni turistika distinta. Il-promozzjoni t'Għawdex kienet indirizzata fuq żewġ linji prinċipali: waħda diretta għall-pubbliku Malti u waħda għal swieq speċifiċi, fosthom is-swieq tal-*cruise liners* u tad-*diving* f'pajjiżi bħal Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

Minħabba li l-industrija turistika f'Għawdex tiddependi fuq akkomodazzjonijiet *self-catering* speċjalment *farmhouses*, jidhrilna li għandna nirrevedu s-sistema kollha ta' liċenzjar ta' din l-industrija biex aktar ninċentivaw il-kwalità u l-investiment f'dan is-settur. Għal dan l-iskop, il-Gvern se jniedi konsultazzjoni wiesgħa ma' l-operaturi kollha konċernati biex jitfassal programm li għandu jwassal għal titjib sostanzjali f'dan is-settur.

## 5.4 Eko-Għawdex

Mr. Speaker

Komplejna bil-ħidma tagħna biex nimplimentaw numru ta' miżuri mħabbra fil-pjan ta' ħames snin għal Eko-Għawdex. Aktar min-nofs dawn il-proposti twettqu jew qegħdin fil-proċess li jitwettqu. Fost dawn insibu r-restawr ekoloġiku, l-immaniġġjar ta' l-ilma, u dak ta' l-iskart, proġetti marbuta ma' l-enerġija li tiġġedded, u inizjattivi oħra ndirizzati lejn il-komunitajiet.

Qed nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija t-Tabella 5.1 li telenka il-lista ta' 16-il proġett li twettqu matul din is-sena.

**Tabella 5.1 Lista ta' proġetti ewlenin li twettqu fl-2011**

- *Energy audits* fil-biċċa l-kbira tal-bini tal-Gvern biex tiġi evalwata l-possibbiltà li fuq il-bjut tagħhom jiġu nstallati sistemi li jipprovdu enerġija mix-xemx;
- Proġett ta' riċerka dwar il-potenzjal tar-riħ bħala sors ta' enerġija alternattiva;
- Programm ta' tindif tal-widien u lqugħ ta' l-ilma tax-xita, u tindif tal-Widien tal-Grazzja u tar-Ramla, parti oħra mill-Wied ta' Marsalforn, u l-Wied tal-Għasri;
- Irranġar ta' ġibjuni u nbnew oħrajn ġodda fil-ġonna ta' Villa Rundle u Marsalforn;
- Investiment ta' $800,000 minn fondazzjoni ta' kumpanija privata internazzjonali fi proġett marbut mal-konservazzjoni u użu aħjar ta' l-ilma;
- Tħawwil ta' aktar minn 2,300 siġra u arbuxelli fl-iMġarr Grove;
- Xogħol fin-*nursery* tal-Gvern fid-Dawwara minn fejn qed jiġu mxettla ħafna mis-siġar u arbuxelli li qed jitħawwlu permezz tal-proġett ta' afforestazzjoni u inizjattivi oħra;
- Xogħol fuq Ġnien ġdid f'Marsalforn li riesaq lejn il-fażi konklużiva;
- Xogħol fuq 51 proġett minn NGOs, Kunsilli Lokali, u Kumitati Amministrattivi, b'allokazzjoni ta' 1.9 miljun ewro, li jinkludu l-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, manutenzjoni u tisbiħ f'żoni rurali, restawr ta' bini antik, bini ta' ġibjuni għall-ilma tax-xita, bdil ta' lampi li jaħlu anqas enerġija, kampanji edukattivi, u inizjattivi marbuta ma' kwalità ta' ħajja aħjar, ambjent rurali u marittimu nadif;
- Xogħlijiet artistiċi minn 120 artist li ssottomettew abbozzi li wħud minnhom se jintużaw biex isebbħu nħawi u postijiet pubbliċi;

- Estensjoni tal-ftehim ma' l-*Environment Landscapes Consortium* biex jinkorpora ż-żamma ta' aktar *roundabouts* u *soft areas* madwar Għawdex, speċjalment fl-arterji prinċipali;

- Xogħol ta' ristrutturar biex il-faċilitajiet fil-*Farm* tal-Gvern jinbidlu f'Ċentru ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fil-qasam Agrikolu flimkien ma' l-Università ta' Malta;

- Kampanji edukattivi fost il-bdiewa dwar l-użu aħjar tal-pestiċidi;

- Kampanji edukattivi fost it-tfal li jattendu l-iskejjel f'Għawdex biex jippromwovu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u prattiċi ambjentali tajbin;

- Twaqqif tal-*Mental Health Association Gozo*, u inizjattiva li, permezz tagħha, se jitwaqqaf il-Kunsill Reġjonali għaż-Żgħażagħ; u

- Proġett ta' monitoraġġ ta' l-ilma madwar il-kosta.

Għas-sena d-dieħla qed nallokaw erba' miljun ewro biex inkomplu nimplimentaw dawn il-proġetti, u biex inkomplu nwettqu l-Viżjoni ta' Eko-Għawdex. Dan jinkludi il-bidu ta' programm vast ta' għajnuna sabiex l-operaturi ekonomiċi f'Għawdex ikunu jistgħu jinvestu f'enerġija minn sorsi alternattivi. Dan il-programm jibda s-sena dieħla u jitlesta s-sena ta' wara u għandu jżid il-kontribuzzjoni t'Għawdex fl-obbligi li pajjiżna għandu fil-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi nodfa filwaqt li jgħin lill-industrija Għawdxija fl-ispejjeż relatati ma' l-enerġija.

Hawn irrid ngħid li, billi jidher li sa l-aħħar tal-2012, l-allokazzjoni ta 25 miljun ewro għal eko-Għawdex ma tkunx ġiet assorbita kollha, il-Gvern huwa kommes li l-bilanċ jiġi allokat fl-2013.

Mr. Speaker

Aktar studenti Għawdxin qed ikomplu bl-istudji tagħhom fl-Università ta' Malta, fl-MCAST jew fl-ITS. Dan ifisser spejjeż addizzjonali għall-familji ta' dawn l-istudenti li jridu jsibu akkomodazzjoni f'Malta flimkien ma' spejjeż oħra li dawn ikollhom. Għalhekk konna rrivedejna l-*allowance* addizzjonali li l-Gvern jagħti lill-istudenti Għawdxin f'Malta.

Mis-sena d-dieħla, se nerġgħu nżidu din l-*allowance*, u se nġibu fuq l-istess livell lil kull student Għawdxi li jkun qed jistudja f'Malta, irrispettivament jekk imurx fl-Università, l-MCAST jew l-ITS. L-allokazzjoni totali biex ngħinu lil dawn l-istudenti għas-sena d-dieħla hija ta' aktar minn 700,000 ewro.

Matul is-sena d-dieħla wkoll, se nkomplu b'aktar xogħol strutturali fil-kumpless Ninu Cremona, biex jitlesta *language lab* biex fih ikunu jistgħu jsiru numru t'eżamijiet. Se nkomplu wkoll bix-xogħol biex ntejbu aktar is-servizzi tas-saħħa mogħtija mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

Se nkomplu bil-programm ta' manutenzjoni ta' toroq f'diversi nħawi, filwaqt jibdew l-estensjonijiet fit-Toroq Ta' Pinu u tax-Xlendi, li jkomplu max-xogħlijiet li saru s'issa. Għal dan qed nallokaw 1.5 miljun ewro.

Se nkomplu wkoll bit-tindif tal-widien u lqugħ ta' l-ilma, il-bini ta' ġibjuni ġodda u manutenzjoni ta' oħrajn qodma, aktar bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, u għadd ta' inizjattivi oħra fil-qasam agrikolu, kulturali, ekonomiku u dak soċjali.

## 5.5 L-akbar sfida għal Għawdex

Mr. Speaker

L-aktar sfida għal Għawdex tibqa' x-xogħol. Minkejja l-isforzi kollha li saru fl-aħħar snin, tibqa' realtà li ma nistgħux naħarbu minnha li l-progress fix-xogħol u l-impjiegi li rajna f'Malta tul dawn l-aħħar snin mhux rifless bl-istess ritmu f'Għawdex. Hemm sitwazzjonijiet li jistgħu jitjiebu bi sforz kordinat, bħall-bżonn li l-MEPA u awtoritajiet oħra jifhmu aħjar ir-realtà t'Għawdex. Biex jiġi kordinat sforz Nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Għawdex, il-Prim Ministru nkariga lis-Segretarjat għall-Politika Strategika fl-uffiċċju tiegħu biex jiffoka l-isforzi ta' l-entitajiet pubbliċi kollha biex flimkien mas-settur privat isir dak kollu possibbli għall-ħolqien ta' aktar xogħol u xogħol aħjar f'Għawdex. M'hemmx dubju li l-istudji dwar il-possibbiltà ta' rabta permanenti bejn Għawdex u Malta jrid jirrifletti wkoll din ir-realtà.

# 6 Edukazzjoni

## 6.1 Niżviluppaw il-potenzjal ta' kull persuna

Mr. Speaker

Il-politika ta' Gvern fil-qasam ta' l-edukazzjoni trid tassigura li kull persuna f'pajjiżna jkollha l-opportunità tiżviluppa l-potenzjal sħiħ tagħha. Din il-politika taħdem biex l-familji tagħna jkollhom l-għażla fl-edukazzjoni ta' uliedhom, għażla li tassigura li l-edukazzjoni tilħaq l-għan tagħha fl-iżvilupp tal-persuna u mhux tintuża bħala għodda mill-iStat biex jimponi l-idejoloġija tiegħu. Din il-politika tagħraf l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala l-aħjar investiment fl-ekonomija u l-kompettività ta' pajjiżna.

Għamilna ħafna f'dan il-qasam matul is-snin. Imma nagħrfu li qatt ma nistgħu ngħidu li għamilna biżżejjed. Determinati li nkomplu naħdmu u ninvestu bis-sħiħ fl-edukazzjoni.

Għalhekk għal 2012 l-investiment fl-edukazzjoni se jkun ta' 359 miljun ewro. Minkejja l-isforzi biex innaqsu d-defiċit, l-investiment fl-edukazzjoni ta' uliedna minn Fondi Nazzjonali se jiżdied bi 23 miljun ewro.

## 6.2 Edukazzjoni obbligatorja

Mr. Speaker

L-impenn li nkomplu ntejbu l-kwalità ta' l-edukazzjoni ta' uliedna huwa ċ-ċavetta tas-suċċess ta' pajjiżna.

Sostnejna l-impenn tagħna li nibnu skejjel u faċilitajiet moderni li jikkumplimentaw r-riformi li għaddejjin f'dan il-qasam. Wara

li bnejna l-iskejjel sekondarji tas-subien ġewwa Ħal Kirkop, il-Ħandaq, il-Verdala, u r-Rabat Għawdex, u dik primarja ġewwa Pembroke, lestejna wkoll l-iskola sekondarja ġewwa ż-Żokrija fil-Mosta. Dawn l-iskejjel għandhom ukoll faċilitajiet sportivi li qed jintużaw mit-tfal ta' l-iskejjel u minn għaqdiet sportivi fil-kommunità.

Matul din is-sena bdiet tinbena l-iskola sekondarja tal-bniet ġewwa l-Ħandaq u huwa ppjanat li l-ewwel studenti jidħlu fiha fis-sena skolastiska li jmiss. Fl-2012 se nibdew il-bini ta' skola sekondarja ġdida tal-bniet ġewwa Ħal Kirkop, u faċilitajiet sportivi ġewwa biswit l-iskola sekondarja ta' Santa Venera. Dan qed isir b'investiment ieħor ta' 9 miljun ewro.

Bħalissa għaddejjin ukoll bi proġetti ta' tisbiħ u manteniment fi skejjel oħra, f'Wied il-Għajn, dik sekondarja tal-bniet fil-Mosta, u dik tas-subien ġewwa n-Naxxar.  Irridu li uliedna jkollhom l-aħjar ambjent fl-iskejjel tagħhom.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, sa mit-twaqqif tagħha, investiet total ta' 90 miljun ewro fil-bini ta' skejjel ġodda u manutenzjoni t'oħrajn eżistenti. Investiment sostanzjali fl-aħjar interess ta' uliedna.

Iżda, il-bini waħdu mhux biżżejjed.

Mr. Speaker

Irridu sistema edukattiva li tindirizza dejjem aktar il-bżonnijiet ta' l-istudenti u tas-soċjetà, li toħloq l-ispazju u l-metodi biex l-istudenti tagħna jrabbu l-kunfidenza, jagħrfu l-kapaċitajiet tagħhom u jaħdmu biex jiżviluppawhom. Għalhekk għaddejjin bir-riforma tal-kulleġġi, fit-transizzjoni mill-primarja għas-sekondarja, ir-reviżjoni tal-MATSEC, ir-riforma ta' l-iskejjel speċjali, u x-xogħol fuq il-Kurrikulu Nazzjonali ġdid. Din l-

evoluzzjoni hija sostunuta permezz t'apparat teknoloġiku li jagħmel it-tagħlim wieħed interessanti, kreattiv, u interattiv. Illum fl-iskejjel tagħna nsibu *interactive whiteboards* u tagħmir ieħor speċjalizzat li qed joffri esperjenza ġdida ta' kif isir it-tagħlim. Qed nersqu lejn tagħlim aktar iffukat fuq il-persuna, li jagħti l-opportunità lil kull istudent u studenta biex jiżviluppaw il-ħsibijiet u l-opinjonijiet tagħhom.

U dan mhux qed nagħmluh biss fl-iskejjel tal-Gvern. Din is-sena żidna wkoll il-finanzjament ta' l-iskejjel tal-Knisja bl-iskop li nkomplu bit-twettieq tar-riforma fl-edukazzjoni. Dan ifisser li l-iskejjel tal-Knisja qed jingħataw aktar appoġġ u mezzi biex jassiguraw l-aħjar kwalità t'edukazzjoni għall-istudenti tagħhom. Għas-sena d-dieħla se nallokaw 45.2 miljun għal dawn l-iskejjel.

Mr. Speaker

Gvern Nazzjonalista dejjem emmen li l-familji Maltin għandu jkollhom l-għażla f'liema skejjel jibgħatu lil uliedhom. Iġġiliedna għal din l-għażla u determinati li l-pluraliżmu fl-edukazzjoni jibqa' jiġi sostnut. Nirrikonoxxu li l-iskejjel privati qed jagħtu kontribut qawwi u importanti lis-settur ta' l-edukazzjoni. Se nibqgħu mpenjati li nkomplu ngħinu lil dawn l-iskejjel.

Għalhekk fl-2012, se nwaqqfu Fond ta' miljun ewro bil-għan li nsaħħu s-sostenibbiltà ta' l-iskejjel privati. Dan il-Fond, li se jintuża mill-iskejjel skont in-numru ta' studenti li għandhom, se japplika għal:

- servizzi marbuta mal-ħtiġijiet individwali tal-istudenti;
- investiment fis-*software* u liċenzji tal-IT;

- titjib f'faċilitajiet ta' xjenza;
- titjib f'faċilitatjiet sportivi; u
- fl-iżvilupp professjonali ta' l-għalliema fl-iskejjel privati.

Dan il-Fond se jiġi allokat lill-iskejjel privati skont in-numru ta' studenti reġistrati hekk: €95 għal kull student fil-*Kindergarten*, €145 għal kull student fil-livell primarju, u €170 għal kull student fil-livell sekondarju. Qed nagħmlu dan sabiex inkomplu nsaħħu l-qasam edukattiv privat f'pajjiżna għax, kif dejjem emminna, dan il-qasam għandu jibqa' jipprovdi għażla xierqa u ta' kwalità lill-ġenituri fl-edukazzjoni t'uliedhom. Dan huwa l-ewwel pass minn programm ta' tliet snin intiż li jikber f'konsultazzjoni sħiħa mar-rappreżentanti ta' l-operaturi f'dan is-settur.

Għas-sena 2012 ukoll, se nżidu l-allokazzjoni għal dawk l-istudenti li jkollhom bżonn *learning support assistant* fl-iskejjel privati għal 400,000 ewro.

Se nkomplu ngħinu wkoll lill-ġenituri tat-tfal li jattendu dawn l-iskejjel billi nżidu l-ammont massimu ta' tnaqqis f'taxxa li tingħata lill-ġenituri li jħallsu l-miżati ta' l-iskola għal uliedhom. B'hekk dawn se jitilgħu:

- minn €1,200 għal €1,300 fil-livell ta' *daycare, reception* u *kindergarten*;
- minn €1,200 għal €1,600 fil-livell ta' primarja; u
- minn €1,600 għal €2,300 fil-livell ta' sekondarja.

Din l-inizjattiva se tiswa 600,000 ewro.

## 6.3 Edukazzjoni avvanzata u ogħla

Mr Speaker

Ninnota b'sodisfazzjon kbir l-iżviluppi enormi li seħħew fis-settur tal-edukazzjoni għolja u terzjarja, u b'mod partikolari r-riżultati li ħalla l-investiment fl-ITS, MCAST u l-Università, investiment li qatt ma rajna bħalu. Dan is-suċċess ma jidhirx biss fin-numru u l-varjetà ta' programmi li jeżistu llum, kemm dawk akkademiċi kif ukoll dak vokazzjonali, iżda wkoll fiż-żieda sostanzjali fin-numru ta' studenti li llum igawdu minn edukazzjoni kontinwa. B'sodisfazzjon ninnutaw li n-numru ta' żgħażagħ li qed ikomplu l-istudji tagħhom wara l-edukazzjoni obbligatorja kull ma jmur qiegħed dejjem jiżdied.

Determinati li ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin kollha jimxu 'l quddiem permezz t'aktar programmi u opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ wara l-edukazzjoni obligatorja.

**Stupendji u boroż ta' studju**

Mr. Speaker

Pajjiżna jħaddem programm ta' stupendji biex jgħin lill-istudenti jkomplu l-istudji tagħhom wara s-sekondarja. Għal din is-sena allokajna 22.3 miljun ewro fi stipendji, u din in-nefqa se tkompli tiżdied hekk kif in-numru ta' studenti qed dejjem jikber. Bħalissa għandna mat-18,000 student jirċievu stipendju fl-Università, il-Junior College, l-MCAST, u l-ITS. Minkejja l-kritika li kultant issir kontra l-istupendji, iż-żgħażagħ u l-familji tagħhom li jibbenifikaw mill-istipendji jafu l-għajnuna kbira li dan il-programm jagħtihom fl-għażla li jkomplu jistudjaw flok imorru jaħdmu.

Se nkomplu ninvestu f'aktar boroż ta' studju f'oqsma varji, b'allokazzjoni ta' 900,000 ewro biex aktar studenti jkomplu l-istudji tagħhom. Dawn il-boroż ta' studju jippermettu lil studenti jagħżlu li jkomplu l-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet t'edukazzjoni għolja rikonoxxuti.

**L-Università ta' Malta**

Illum għandna madwar 11,500 student fl-Università ta' Malta. Din hija storja ta' suċċess li mhemmx kliem biex tiddiskrivih. Il-progress enormi li sar u li għaddejja minnu l-Università ma jitqiesx biss fin-numru. Biżżejjed insemmi l-firxa ta' korsijiet li toffri, ir-reputazzjoni internazzjonali li tgawdi f'dak li hu tagħlim u riċerka, u l-kontribut ta' l-Università fil-kreattività u l-innovazzjoni li huma tant importanti għat-tkattir ta' l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Biex dan l-iżvilupp jkompli fir-ritmu li qabad, in-nefqa rikorrenti għall-Università u Junior College għas-sena d-dieħla se tlaħħaq it-58.2 miljun ewro.

Għaddej xogħol enormi fl-infrastruttura ta' l-Università bil-kostruzzjoni tal-fakulta ġdida ta' l-ICT, u faċilitajiet ta' *Health Biotechnology* b'investiment ta' 7.2 miljun ewro. Qed inħarsu wkoll lejn l-infrastruttura fiżika ta' l-Università biex naraw kif din tista' titjieb għall-ġid ta' l-istudenti tagħna.

L-Università l-Qadima fil-Belt qed tiġi trasformata f'*Campus* ieħor ta' l-Università ta' Malta, bħala Skola Internazzjonali ta' l-Istudji Gradwati kif ukoll bħala ċentru għall-istudji ta' l-arti maħduma fuq il-palk, *performing arts*.

**Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-edukazzjoni tul il-ħajja**

L-MCAST u l-ITS wasslu għal qabża ta' kwalità fl-oqsma li jaħdmu fihom permezz ta' taħriġ vokazzjonali jew speċjalizzat

li joffru. Aktar żgħażagħ qed itejbu l-ħiliet tagħhom f'dawn l-istituzzjonijiet, filwaqt li jitħejjew aħjar għas-suq tax-xogħol.

Dan l-iżvilupp pożittiv irridu nsostnuh. Qed inżidu l-allokazzjoni tal-MCAST għal 15.4 miljun ewro biex, fost l-oħrajn, itejjeb il-kwalità ta' taħriġ vokazzjonali permezz ta' aktar korsijiet. Dan minbarra li bdejna nibnu *Campus* ġdid għall-MCAST ġewwa Kordin li se jiswa 120 miljun, u li għandu jaqdi aħjar il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ tagħna.

Matul din is-sena wkoll se nniedu proġett li se jżid l-aċċessibbiltà tal-korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja u jagħmilhom aktar flessibbli. Dan il-proġett għandu jwassal aktar nies li jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi tagħhom u jżidu l-għarfien fl-oqsma differenti tal-ħajja. Dan l-istess proġett se jintegra t-tagħlim permezz ta' mezzi ta' kommunikazzjoni, l-*e-learning*, ma' lezzjonijiet tradizzjonali u sezzjonijiet prattiċi, programm li qed isir b'investiment ta' 1.5 miljun ewro.

**Għażliet strateġiċi**

Dan il-progress notevoli li sar fis-settur ta' l-edukazzjoni għola u terzarja jiltob minna li issa nagħmlu deċiżjonijiet strateġiċi sabiex naċċertaw li dan is-settur jibqa' kompetittiv u li l-kwalità ta' l-edukazzjoni li tingħata tibqa' ta livell li jkun rikonoxxut internazzjonalment.

Wasal il-mument li jintlaħaq ftehim strutturali storiku ma' l-Università ta' Malta sabiex tiġi salvagwardata l-awtonomija akkademika u amministrattiva tagħha, biex il-proprjetà tagħha tiġi identifikata b'mod ċar u tiġi salvagwardata, u biex jiġu żviluppati mekaniżmi finanzjarji sostenibbli li jaħdmu għal tul ta' żmien. B'hekk din l-istutuzzjoni stabbilita tkun tista' tippjana għal futur, u timpenja l-assi tagħha sabiex ittejjeb it-tagħlim, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-isforzi

tagħha biex tattira aktar studenti, u partikolarment l-iżvilupp tagħha fuq livell internazzjonali.

Kif diġà spjegajt, l-investiment fl-MCAST se jompli ukoll, minħabba li din l-istituzzjoni għandha rwol distint u kruċjali fil-qasam ta' l-edukazzjoni post sekondarja, li kull ma jmur qiegħed ikompli jikber. Huwa dejjem aktar importanti li l-iżviluppi fl-MCAST jsiru fi ħdan il-qafas wiesgħa ta' l-edukazzjoni terzjarja f'Malta, sabiex jiġi assigurat li l-istudenti jingħataw l-aqwa opportunitajiet. Għal dan il-għan il-Gvern qed iniedi serje ta' laqgħat konsultattivi mal-partijiet konċernati sabiex ninkoraġġixxu kordinazzjoni strateġika bejn l-Università ta' Malta u l-MCAST għall-ġid taż-żewġ istituzzjonijiet u l-istudenti tagħhom. F'dan il-kuntest, huwa ta' pjaċir ninnota li l-kollaborazzjoni bejn l-Università u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi qed tkompli tissaħħaħ u numru sabiħ ta' studenti li jigradwaw mill-ITS qed ikomplu l-istudji tagħhom fit-turiżmu fl-Università ta' Malta.

Il-Gvern għadu kemm ippreżenta Qafas għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fil-Qasam ta' l-Edukazzjoni Post-Sekondarja sabiex jiġi stabbilit l-ispazju għal dawk li jixtiequ jieħdu rwol aktar attiv fis-servizzi post-sekondarja f'Malta. Nerġa' ntenni li l-intenzjoni tagħna hija li naraw lil Malta tkompli tagħmel isem għaliha nnifisa bħala ċentru internazzjonali ta' kwalità fis-settur, u nkomplu noħolqu l-aħjar ambjent sabiex nattiraw aktar studenti u akkademiċi internazzjonali lejn pajjiżna.

Għal dan il-għan, il-Gvern se jwaqqaf forum ta' l-operaturi kollha li jipprovdu programmi ta' edukazzjoni avvanzata, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati. Dan l-iżvilupp għandu jwassal biex is-settur privat ta' kwalità fl-edukazzjoni avvanzata jikber filwaqt li jinqatgħu l-abbużi ta' numri ta' operaturi li ma jixraqilhomx jissejħu istituzzjoni edukattiva.

## 6.4 Żgħażagħ

Mr. Speaker

Waqqafna l-Aġenzija Żgħażagħ li qed tassigura li l-perspettiva taż-żgħażagħ tkun integrata f'kull aspett tal-politika Nazzjonali. Din l-Aġenzija tamministra wkoll il-Programm Nazzjonali ta' *Empowerment* li jagħti liż-żgħażagħ opportunità jiżviluppaw il-ħiliet u t-talenti tagħhom permezz t'edukazzjoni mhux fomali. Matul is-sena d-dieħla se nkomplu ninvestu fl-operat ta' din l-Aġenzija.

Mr. Speaker

Numru sabiħ ta' żgħażagħ Maltin u Għawdxin jesperjenzaw u jitgħallmu l-mużika fil-baned tradizzjonali tagħna. Għaliex għaraf ir-rwol importanti li għandhom dawn is-Soċjetajiet fl-iżvilupp taż-żgħażagħ, fil-Programm Elettorali dan il-Gvern wiegħed li se jniedi skema ta' għajnuna finanzjarja għall-każini tal-baned biex tgħinhom fit-taħriġ u t-tagħlim mużikali taż-żgħażagħ. Din il-wegħda se nimplimentawha s-sena d-dieħla, u qed nallokaw 100,000 ewro għaliha.

## 6.5 Sport

Matul din is-sena tajna mal-5.5 miljun ewro f'assistenza lill-għaqdiet sportivi. Nedejna numru ta' skemi ġodda, estendejna l-iskema 20/20 għas-settur privat, u nedejna wkoll skema biex atleti Nazzjonali, u ta' klassi, ikunu jistgħu jidħlu fl-Armata fi programm apposta li jippermettilhom jagħmlu ammont ta' siegħat mill-ġurnata tax-xogħol tagħhom jitħarrġu fid-dixxiplina sportiva tagħhom.

Nedejna wkoll skema ta' Għotjiet għal Xiri ta' Tagħmir Sportiv fejn għaqdiet sportivi ngħataw lura 15.25 fil-mija fuq in-nefqa

ta' dan l-apparat mixtri għall-użu fit-taħriġ ta' l-atleti tagħhom, u erġajna ħriġna l-iskema ta' għotja ta' 15.25 fil-mija fuq xiri ta' roti, b'din ta' l-aħħar ibenefikaw mad-900 persuna għaliha.

Komplejna wkoll bl-iskema Turiżmu Sportiv biex ninċentivaw il-ħolqien ta' niċċa f'dan is-settur li tattira turisti lejn pajjiżna. B'dan il-mod l-isport jikkontribwixxi għall-ekonomija tal-pajjiż, filwaqt li jgħin biex l-attività sportiva ssir aktar sostenibbli. Fl-2010 din l-iskema attirat lejn pajjiżna turisti li xtraw 41,000 lejl t'akkomodazzjoni, kważi d-doppju ta' dak li ġibna fl-2009. Qed nistmaw li sa l-aħħar ta' din is-sena aktar minn 70,000 lejl t'akkomodazzjoni jkunu nxtraw minn turisti f'din l-iskema. Għas-sena d-dieħla, qed nallokaw 350,000 ewro biex inkomplu nattiraw aktar turiżmu sportiv.

Saħħaħna wkoll l-iskema ta' Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali bil-għan li nxettlu l-kultura sportiva fil-komunitajiet. Din is-sena pparteċipaw 29 Kunsill Lokali li organizzaw diversi attivitajiet sportivi u ta' eżerċizzju fiżiku fil-lokalitajiet tagħhom.

Mr. Speaker

Wasalna għal qabża oħra ta' kwalità sabiex l-isport ikompli jistabbilixxi ruħu fil-kultura Maltija. Mis-sena akkademika li jmiss, se nwaqqfu skola sekondarja speċjalizzata fl-isport. Din l-iskola se jattendu fiha atleti bniet u subien li, filwaqt li jingħataw taħriġ akkademiku fis-suġġetti kollha, ikollhom ukoll biżżejjed ħin biex jitħarrġu fid-dixxiplina sportiva rispettiva tagħhom, anke waqt il-ħin ta' l-iskola. Barra minn hekk, se jkollhom l-opportunità li jitgħallmu suġġetti akkademiċi relatati ma' l-isport. B'hekk, se nkunu qed nindirizzaw vojt li għandna fil-qasam sportiv sal-lum, fejn atleti promettenti jitilfu l-iżvilupp fiżiku u sportiv tagħhom minħabba nuqqas ta' ħin

għat-taħriġ waqt is-snin li fihom jattendu l-iskola sekondarja. Sabiex dan il-proġett jibda kif pjanat, qed nallokaw 100,000 ewro.

Qed nivvutaw ukoll 120,000 ewro għal boroż ta' studju fil-qasam sportiv bil-għan li dawk li jippromettu u jifilħu jkomplu jinvestu fil-ħiliet sportivi tagħhom anke barra minn pajjiżna.

Qed nallokkaw 350,000 ewro bejn il-Kunsill Malti għall-Isport u Transport Malta biex jaħdmu mar-rappreżentanti tad-dilettanti tal-*motorsport* biex jassisti fl-iżvilupp ta' korsa adegwata għat-taħriġ u kompetitzzjonijiet marbuta mal-*karting, mini motos, quad bikes, motards, scooters,* kif ukoll għal *tuning* ta' vetturi li jipparteċipaw fil-*hill climbs*.

Mr. Speaker

It-tfal u ż-żgħażagħ tagħna mimlija potenzjal, u aħna għandna d-dmir li ninvestu fihom biex jiżviluppaw lilhom innfushom. Hekk għamilna matul dawn l-aħħar snin fuq diversi fronti: l-edukazzjoni, fix-xogħol maż-żgħażagħ, fit-tagħlim ta' l-arti, kif ukoll fl-isports. Ir-riżultati pożittivi li qed jinkisbu jimlina determinazzjoni li dan inkomplu nagħmluh.

# 7. Il-familja u l-qasam soċjali

## 7.1 Il-qasam soċjali

Mr. Speaker

Il-familja hija l-qalba tas-soċjetà tagħna. Dak li tagħti l-familja ma jista' jagħtih ħadd. Xogħolna huwa li nsostnu lill-familji biex jagħtu l-aħjar lil uliedhom u 'l membri l-oħra tal-familja. L-għaqal, il-prudenza, u d-determinazzjoni li ħdimna biha jippermettulna nkomplu bl-impenn tagħna favur il-familji Maltin u Għawdxin.

F'dan il-Baġit, qed nipproponu li nżidu l-għajnuna diretta li tmur għand il-familji bit-tfal kif ukoll l-anzjani l-aktar vulnerabbli li tant ħadmu biex bnew 'il pajjiżna. Qed nipproponu wkoll numru ta' miżuri soċjali li jkomplu jseddqu x-xibka ta' solidarjetà li tħares lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin li l-aktar għandhom bżonn.

Huwa għalhekk li n-nefqa fil-qasam soċjali minn Fondi Nazzjonali għal din is-sena laħqet 982.9 miljun ewro. Issa f'dan il-Baġit qed nipproponu li ntellgħu din in-nefqa b'37.9 miljun għal biljun u 20,000 ewro.

**Żieda fl-anqas rata ta' *children's allowance***

Mr. Speaker

Il-Gvern jagħraf il-bżonn ta' sostenn lill-familji tagħna, l-aktar fil-kontribut kbir li jagħtu lis-soċjetà waqt it-trobbija tat-tfal. Għaldaqstant qed inżidu r-rata minima taċ-*Children's Allowance* b'€100 għal €350 fis-sena għal kull tifel u tifla. Dan b'investiment ta' 2.8 miljun ewro.

**Tneħħija tal-liċenzja tat-televiżjoni**

Mis-sena d-dieħla se nneħħu l-liċenzja tat-televiżjoni u b'hekk inwettqu wiegħda elettorali. Il-ġustizzja titlob li dawk li għandhom liċenzja b'lura mhix imħallsa se jintalbu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, fejn se tinħareġ skema biex ikunu jistgħu jagħmlu dan u b'hekk jevitaw li jħallsu multi addizzjonali. It-tneħħija ta' din il-liċenzja se tħalli madwar erba' miljun ewro għand il-familji tagħna.

**Benefiċċji soċjali u l-COLA**

Bħalma għamilna fl-aħħar baġit, kull benefiċċju se jiżdied bl-ammont tal-COLA. B'hekk, 112,000 benefiċjarju igawdu minn rata ogħla ta' benefiċċji. Dan japplika wkoll għall-eżami tal-mezzi tal-benefiċċji u għajnuniet mhux kontributorji, fosthom l-għajnuna supplimentari, il-benefiċċju ta' l-enerġija, u l-karta r-roża.

Dan qed nagħmluh biex ma jkunx hemm telfien ta' benefiċċji, partikolarment għall-pensjonanti li, minħabba ż-żieda fil-pensjoni, jitilfu l-benefiċċju tal-mard.

Sadanittant, intensifikajna l-impenn tagħna biex innaqsu l-abbuż fuq il-benefiċċji soċjali. Minn mindu waqqafna d-Dipartiment għall-Frodi u Investigazzjoni dwar Benefiċċji, instabu 'il fuq minn 4,340 każ ta' benefiċċji mhux dovuti Nistmaw li permezz ta' dan l-impenn pajjiżna seta' jinvesti 21.2 miljun ewro fuq f'dak li vera ghandhom bzonn il-familji Maltin u Għawdxin.

**Il-pensjoni tar-romol**

Ħames snin ilu ddeċidejna li armel jew armla li tiżżewweġ tibqa' ntitolata għal rata fissa ta' pensjoni tar-romol għall-ewwel ħames snin meta tiżżewweġ. Jidhrilna li l-limitu ta' ħames snin għandu jiżdied b'sena, kull sena, minn issa 'l quddiem. B'hekk, armel jew armla li baqgħet intitolata għal rata fissa ta' pensjoni tar-romol wara li żżewġet, mhux se titlef din il-pensjoni wara li tkun ilha aktar minn ħames snin li reġgħet iżżewġet.

**Il- persuni b'diżabilità**

Mr. Speaker

Għamilna passi kbar fil-qasam tad-diżabilità. Nifhmu wkoll li baqgħalna sfidi daqstant kbar, l-aktar fil-qasam tat-taħriġ u l-impjieg ta' persuni b'diżabilità severa kif ukoll f'servizz ta' sapport għal dawk il-persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familji tagħhom.

Minnbarra ż-żieda fl-għajnuna lil diversi għaqdiet volontarji f'dan is-settur, l-impenn tagħna lejn dan il-qasam se jissokta b'dawn il-miżuri:

1. Mis-sena d-dieħla, persuni b'diżabilità li jirċievu l–pensjoni tad-diżabilità severa, se jkunu jistgħu jaħdmu u jaqilgħu sal-paga minima bla ma jitilfu xejn mill-pensjoni tagħhom. Il-pensjoni tad-diżabilità severa m'għandiex sservi ta' diżinċentiv għax-xogħol imma għandha tkopri ftit mill-ispejjeż marbuta mad-diżabilità;

2. Minn ħames snin ilu meta persuna li tirċievi l-pensjoni tad-diżabilità severa tiżżewweġ, ma titlifx il-pensjoni minħabba d-dħul ta' żewġha għall-ewwel ħames snin taż-żwieġ. Issa se nneħħu l-limitu ħalli persuna

b'diżabiltà severa li tiżżewweġ ma titlef qatt il-pensjoni tagħha minħabba d-dħul tal-mara jew tar-raġel tagħha;

3. Se nżidu wkoll l-allokazzjoni lill-Aġenzija SAPPORT biex din tiftaħ servizz ġdid ġewwa Pembroke, fejn persuni b'diżabilità jingħataw aktar taħriġ u esperjenzi ta' xogħol. Se nibqgħu mpenjati wkoll li ngħinu fit-tmexxija ta' djar residenzjali, bħal Dar Pirotta, u issa wkoll Dar il-Wens u Dar l-Arka; u

4. Bħalissa l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità qed tiffinalizza rapport dwar l-iżvilupp neċessarju f'pajjiżna biex persuni b'diżabilità severa jkollhom s-sapport bżonnjuż biex ma jiġux istituzzjonalizzati. Biex dan il-qasam jagħmel l-iżviluppi li hemm bżonn, il-Gvern qed jalloka s-somma ta' żewġ miljun ewro fuq perjodu ta' ħames snin, bis-somma għal din is-sena tkun ta' 400,000 ewro.

**Aktar għajnuna lill-volontarjat**

Mr. Speaker

Din hija s-sena Ewropea ddedikata lill-qasam tal-volontarjat. B'sodisfazzjon ngħid li f'Malta għandna numru impressjonanti ta' għaqdiet volontarji li qed jagħtu diversi servizzi lill-komunitajiet tagħna fl-oqsma soċjali, ambjentali, edukattivi, sportivi, u oħrajn. Żgur li diversi għaqdiet volontarji jirnexxilhom jgħinu persuni u familji vulnerabbli fejn l-iStat waħdu ma jasalx.

Fl-1994 il-Gvern kien waqqaf Fond bl-iskop li jkompli jsostni lil dawn l-għaqdiet fil-ħidma sfieqa tagħhom bħala parti mill-istrateġija ta' inklużjoni soċjali. Minn mindu twaqqaf, ingħataw

'il fuq minn 26 miljun ewro għajnuna finanzjarja lil dan is-settur importanti, li ssarfu f'għajnuna lil eluf ta' familji u persuni vulnerabbli.

Irridu nkomplu nsaħħu lil dan is-settur. Għalhekk, wara li għal din is-sena konna allokajna 2.4 miljun ewro għal dan il-Fond, qed nipproponu żieda ta' b'nofs miljun ewro għas-sena d-dieħla.

Qed nitlob lill-Kamra biex tieħu Tabella 7.1, li telenka lista tal-kontribuzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet volontarji fl-2011, bħala moqrija.

**Tabella 7.1 Kontribuzzjonijiet lill-Organizzazzjonijiet Volontarji fl-2011**

| Organizzazzjoni Volontarja | Kontribuzzjonijiet fl-2011 (€) |
|---|---:|
| Dar Merħba Bik | 80,000 |
| Dar Nazareth | 50,000 |
| Dar Suret il-Bniedem | 130,000 |
| Jeanne Antide Home | 90,000 |
| Dar Qalb ta' Ġesu | 100,000 |
| Cana Movement | 70,000 |
| Caritas: New Hope | 390,000 |
| Caritas: Shelter Females | 70,000 |
| Caritas: Shelter Males | 70,000 |
| Dar Ġużeppa Debono | 5,000 |
| Dar il-Kaptan | 250,000 |
| Mid-Dlam għad-Dawl | 10,000 |
| Equal Partners Foundation | 20,000 |
| Fondazzjoni Wens:Ind. Living | 10,000 |
| Fondazzjoni Wens:Fond. Wens | 57,000 |
| Fra Diego Day Care Centre | 28,500 |

| | |
|---|---|
| Inspire | 60,000 |
| St. Jeanne Antide Foundation | 35,000 |
| Malta Guide Dogs Found. | 9,000 |
| Muscular Dystrophy Group | 15,000 |
| Oasi | 140,000 |
| Osanna Pia Home | 130,000 |
| Paolo Freire Institute | 20,000 |
| Richmond Foundation: Villa Chelsea | 147,000 |
| Richmond Foundation: Supported Housing Scheme | 25,000 |
| SAS - Azzjoni Kattolika | 5,000 |
| SOS Malta | 40,000 |
| Victim Support Malta | 14,000 |
| YMCA: Social Work Programme | 120,000 |
| L-Arka | 183,000 |
| WOW-Being | 25,000 |
| WAW Support Group | 1,000 |
| **Total** | **2,399,500** |

**Il-qasam tad-*djar***

Mr. Speaker

Fil-qasam tad-djar, il-politika tal-Gvern tippromovi li kulħadd isir sid ta' daru. Fejn dan mhux possibbli tassisti persuni vulnerabbli biex ikollhom dar diċenti. Nemmnu li jeżisti rwol akbar għall-privat fil-provediment t'akkomodazzjonijiet għall-kiri.

L-Awtorità tad-Djar għandha diversi skemi li jgħinu lill-familji fil-bżonn itejbu l-kundizzjonijiet tal-post fejn jgħixu. Għandha skemi oħra li jagħtu sussidju fuq il-kera lil min jikri mill-privat, skemi għall-ewwel xerrejja, jew li għandhom bżonn post alternattiv bil-kera mingħand il-Gvern. Mill-2008 'l hawn

irranġajna mal-1,800 dar b'investiment ta' 4 miljun ewro permezz ta' skemi għall-irranġar.

L-Awtorità toffri wkoll sussidju fuq il-kera mill-privat. Minn din l-iskema ta' madwar miljun ewro fis-sena jibbenefikaw mal-1,200 familja fis-sena. Issa se nagħmlu pass ieħor. L-Awtorità tad-Djar se tippermetti li sidien jirreġistraw ma' l-Awtorità proprjetà li huma jkunu lesti jikru, taħt ċerti kundizzjonijiet ta' l-istess Awtorità, lill-familji li jikkwalifikaw għas-sussidju fuq il-kera. Il-kirjiet reġistrati taħt din l-iskema se jibbenefikaw minn rata preferenzjali ta' *final witholding tax* fuq il-dħul mill-kera ta' 10 fil-mija. B'hekk insaħħu l-iskema li diġà tħaddem l-Awtorità filwaqt li tagħti aktar serħan il-moħħ kemm lis-sidien kif ukoll lill-inkwilini.

Se nibqgħu naħdmu fuq inizjattivi ta' għajnuna lil min jixtri l-ewwel dar billi, fost l-oħrajn, niffaċilitaw l-pagament ta' self għax-xiri. Qed tingħata għajnuna wkoll għall-bini, irranġar, u tkomplija ta' l-ewwel residenza. Din ta' l-aħħar tibqa' dejjem popolari b'medja ta' 350 applikazzjoni fis-sena, bi spiża ta' 3.5 miljun ewro f'dawn l-aħħar erba' snin.

**Skema biex aktar familji jsiru sidien ta' djarhom**

Mr. Speaker

Il-Gvern se jkompli jgħin lill-familji sabiex isiru sidien ta' djarhom.

Matul din is-sena bdejna proċess biex nħallsu lis-sidien oriġinali ta' artijiet li ġew esproprjati fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, u li ngħataw biex jinbnew id-djar fil-*Home Ownership Schemes*. B'investiment ta' ħames miljun ewro fl-aħħar sentejn madwar 500 familja saru sidien ta' djarhom wara iżjed minn 30 sena fuq konvenju.

Issa jmiss pass iehor.

Huwa kkalkulat li hawn mat-3,000 familja li mhumiex sidien ta' djarhom għax għadhom jgħixu f'abitazzjoni mibnija mill-Gvern fuq art esproprijata wara l-Gwerra b'titlu ta' pussess u użu.

Il-Gvern jimpurtah minn dawn il-familji, bħalma jimpurtah mill-familji ta' dawk l-eredi tas-sidien oriġinali tal-bini li kien twaqqa' fil-gwerra.

Għalhekk qed nallokaw 1.8 miljun biex id-Dipartiment ta' l-Artijiet jikkapitalizza l-kera t'akkwist li ilha titħallas għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Għandna madwar 2,800 residenza fil-Belt u l-Kottonera, u se nagħtu l-possibbiltà lill-familji li jgħixu fihom biex jixtru l-abitazzjoni tagħhom.

## 7.2 L-aħjar servizz tas-saħħa għal kulħadd

F'pajjiżna, il-qasam tas-saħħa huwa sostenn għall-familji Maltin. Kull min jiġi bżonn is-servizzi tas-saħħa pubbliċi jaf xi jfissru. Dawn is-servizzi, flimkien ma' dawk offruti mit-tabib tal-familja fid-djar tagħna u operaturi oħra fil-privat, huma parti mis-sisien li jħarsu t-tessut soċjali ta' pajjiżna.

L-investiment fil-qasam tas-saħħa jarah kulħadd. Kull familja taf b'xi ħadd li gawda minn dan l-investiment. Irridu l-aqwa l-aħjar servizz tas-saħħa għall-familji Maltin u Għawdxin.

In-nefqa f'dan is-settur qegħda dejjem tikber. Għas-sena li ġejja qed nallokaw 37.6 miljun ewro aktar minn din is-sena, b'nefqa totali ta' 415.9 miljun ewro.

**Kura tal-kanċer**

Stabbilixxejna l-kura tal-kanċer bħala prijorità ewlenija. Din hija marda li qed tmiss il-familji kollha tagħna u jeħtieġ sforz nazzjonali biex niġġielduha.

L-istrateġija fil-"Pjan Nazzjonali għall-Kanċer" tiffoka fuq il-bżonnijiet tal-pazjenti u tal-familjari tagħhom. Dan il-Pjan għandu l-iskop li jnaqqas l-inċidenza tal-kanċer, u li jassigura kwalità ta' ħajja aħjar għall-pazjenti permezz ta' servizzi ta' l-ogħla livell.

Il-programm nazzjonali ta' *Breast Screening* issa qiegħed fir-raba' sena tiegħu. Dan il-Programm qed iwassal għall-identifikazzjoni minn kmieni tal-kanċer tas-sider b'riżultati pożittivi.

Is-sena d-dieħla, se nagħmlu pass ieħor kbir 'il quddiem f'programm ta' *colorectal screening*. Dan il-Programm ġdid huwa ntiż biex jidentifika kanċer fl-aktar stadju bikri tiegħu biex b'hekk jiġu evitati mwiet relatati. Beda l-bini taċ-Ċentru ta' l-Onkoloġija fl-Isptar Mater Dei li se jilqa` 74 pazjent bħala *in-patients* u 22 pazjent ieħor fid-*day care*. Dan iċ-Ċentru għandu jilqa' l-ewwel pazjenti f'nofs l-2013.

Sakemm jitlesta dan iċ-Ċentru ġdid, komplejna ntejbu s-servizzi fl-Isptar Sir Paul Boffa. Matul din is-sena, ftaħna sala ta' kura paljattiva f'dan l-isptar u estendejna s-servizzi tal-kura paljattiva fil-komunità. Investejna fil-bini ta' *bunker* u f'*linear accelerator* ġodda. Dan l-apparat beda jitħaddem fil-ġimgħat li għaddew, b'beneficcji kbar għall-pazjenti u l-ħaddiema.

**Aktar operazzjonijiet u tnaqqis fil-*waiting lists* bi sħubija mal-privat**

Mr. Speaker

Mira ewlenija fil-qasam tas-saħħa hija li jiżdiedu l-operazzjonijiet, kif ukoll li tonqos il-lista ta' nies jistennew operazzjoni. Din hija sfida kbira. Ir-riżultati li qed niksbu jixhdu l-isforzi tal-Gvern u l-ħaddiema kollha tas-settur tas-saħħa qed iħallu l-frott.

Fl-aħħar sena sħiħa ta' l-isptar San Luqa saru 32,764 operazzjoni. Fl-2010, saru 41,795 operazzjoni, żieda ta' 9,031 operazzjoni. L-indikazzjonijiet huma li din is-sena se tkun aħjar.

Naturalment m'aħniex se nieqfu hawn. Ilħaqna ftehim mas-settur privat, partikolarment fuq *PET Scans*, operazzjonijiet bħal tal-katarretti, u oħrajn biex b'hekk inkomplu nnaqsu ż-żmien ta' stennija. Is-sena d-dieħla se niffukaw ukoll fuq l-operazzjonijiet tal-*hip replacements*.

Illum fl-Isptar Mater Dei, qed nagħmlu operazzjonijiet ta' l-ogħla livell. Għandna professjonisti li qed jagħmlu mill-Isptar Mater Dei sptar ta' kwalità li tħabbatha ma' l-aqwa sptarijiet fl-Ewropa. Qed nidħlu f'arranġamenti ma' konsulenti li jaħdmu f'uħud mill-aqwa sptarijiet fl-Ewropa biex dawn joffru servizzi fl-isptar tagħna. B'hekk inkunu nistgħu nwessgħu n-numru ta' servizzi offruti fl-isptarijiet tagħna. Insemmi wkoll il-*Foundation Programme* fejn tobba Maltin qed jagħżlu li jibqgħu jistudjaw f'Malta, kif ukoll tobba barranin qed jiġu jistudjaw ġewwa pajjiżna.

**Mediċini u l-ispiżjar ta' l-għażla tiegħek**

Fil-qasam tal-mediċini, qed nagħmlu riforma ta' l-iskedi ħamsa u tnejn biex mijiet ta' persuni li jbaghtu minn kundizzjonijiet kroniċi, u li s'issa m'għandhomx għajnuna biex jixtru l-mediċini tagħhom, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn numru ta' mediċini b'xejn.

Se nkomplu nestendu l-iskema ta' l-Ispiżerija ta' l-Għażla Tiegħek. Ftit tal-ġranet ilu żidna 15-il spiżerija oħra fin-naħa t'isfel ta' Malta li bejniethom qed jaqdu 4,000 persuna oħra. B'hekk 60,000 persuna qed jinqdew minn 129 spiżerija ta' l-għażla tagħhom.

**Kura primarja**

Mr. Speaker

Malta għandha servizzi ta' kura primarja mill-aqwa permezz tat-tabib tal-familja. Dan huwa servizz privat, li permezz tiegħu l-familji Maltin jirċievu servizz ta' tabib f'darhom stess. Ftit li xejn napprezzaw il-valur ta' dan is-servizz. Il-Gvern determinat li jsaħħaħ is-servizzi mogħtija miċ-Ċentri tas-Saħħa b'mod li jikkumplimentaw is-servizz privat tat-tabib tal-familja.

Għal dan il-għan, numru ta' Ċentri tas-Saħħa qed jiġu rranġati biex it-tabib tal-familja jsib fiċ-Ċentri tas-Saħħa dawk is-servizzi li jistgħu jgħinuh jagħti l-aqwa servizz lill-familji Maltin u Għawdxin.

Fil-promozzjoni tas-saħħa, minbarra numru ta' kampanji edukattivi u informattivi biex ilkoll nieħdu ħsieb saħħitna, ġiet mnedija politika nazzjonali tal-ħajja sesswali. Is-sena d-dieħla se nniedu strateġija dwar il-prevenzjoni ta' l-obesità fl-etajiet kollha.

**Saħħa mentali**

Mr. Speaker

Il-qasam tas-saħħa mentali se jagħmel pass kbir ’l quddiem permezz tal-Att dwar is-Saħħa Mentali, li għadda mill-istadju tal-ewwel qari fil-Parlament ftit tal-ġimgħat ilu. Fl-aħħar tliet snin, komplejna nifirxu fil-komunità l-kura għas-saħħa mentali u llum għandna madwar 130 professjonist jaħdmu fil-komunità f’dan il-qasam. Frixna s-servizzi f’40 lokalità u nfetħu tliet *day centres* ġodda fiż-Żejtun, Raħal Ġdid, u l-Furjana biex issa għandna ħames *day centres* ta’ dan it-tip. Dan minbarra li ftaħna *clinics* għall-kura ta’ saħħa mentali f’Raħal Ġdid, Ħal Kirkop u l-Furjana.

Dawn is-servizzi u oħrajn qed igħinu biex anqas persuni qed ikollhom bżonn jidħlu fl-Isptar Monte Carmeli, u ż-żmien li jdumu fl-isptar meta jidħlu naqas konsiderevolment.

Għas-sena d-dieħla qed nallokaw 450,000 ewro biex dan is-servizz ikompli jinfirex fil-komunità, u niftħu *day centre* u klinika oħra ġewwa l-Gżira. Hemm il-ħsieb ukoll li dan is-servizz jiġi estiż fil-Mosta, ir-Rabat, u Birkirkara.

Permezz ta’ l-Awtorità tad-Djar, qed jiġu allokati numru ta’ *flats* għal skema ta’ *supportive housing*. Fi *flats* bħal dawn joqgħodu numru ta’ pazjenti li jistgħu joħorġu mill-Isptar Monte Carmeli.

Barra minn hekk, wara li din is-sena twaqqaf *Crisis Intervention Team,* saru għadd t’interventi f’każijiet ta’ kriżi marbuta ma’ problemi ta’ saħħa mentali. Matul is-sena li ġejja se nkomplu nsaħħu dan is-servizz u għalhekk se nallokaw 100,000 ewro.

Se nwaqqfu wkoll servizz ġdid immirat għal adolexxenti bi problemi ta' saħħa mentali biex dawn ukoll jibdew jingħataw il-kura fil-komunità.

## 7.3 L-anzjani

Mr. Speaker

L-anzjani li bnew il-kwalità tal-ħajja li ngawdu llum u s-soċjetà hija fid-dmir li b'kull mod possibbli tassigura li l-anzjani jibqgħu fiċ-ċentru tas-soċjetà Maltija. Il-Gvern adotta politika li jinċentiva l-parteċipazzjoni attiva fl-oqsma kollha tas-soċjetà. Illum eluf ta' anzjani qed jibqgħu jaħdmu mingħajr ma jitilfu mill-pensjoni tagħhom. Mijiet ta' anzjani jagħtu kontribut kbir lis-soċjetà fil-parroċċi, fil-Kunsill Lokali, f'għaqdiet volontarji, kif ukoll fuq Bordijiet pubbliċi. Is-servizz ta' trasport pubbliku sussidjat u mifrux ma' Malta u Għawdex qed jippermetti lill-anzjani aċċess għall-ibliet u l-rħula kollha. L-anzjani huma fuq kollox riżors kbir. Għandna nħarsu lejn in-numru dejjem jikber ta' anzjani mhux biss bħala sfida iżda anke bħala opportunità.

Il-politika tal-Gvern f'dan is-settur tissarraf f'kull miżura li żżid il-parteċipazzjoni ta' l-anzjani fl-oqsma kollha tas-soċjetà Maltija, b'inizjattivi speċjali għal dawk l-anzjani li l-aktar jeħtieġu appoġġ. Din il-politika se tkompli tissaħħaħ ukoll permezz ta' dawn il-miżuri:

1. Għal sena oħra, il-pensjonanti se jieħdu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja;

2. L-età ġġib magħha sfidi kbar biex l-anzjani jibqgħu jgħixu ħajja indipendenti fil-djar tagħhom. Biex ngħinu lill-anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom b'mod indipendenti, se nagħtu għotja ġdida ta' €300 fis-sena lil kull anzjan u anzjana li għalqu 80 sena, u li jgħixu fi

djarhom jew mal-familja tagħhom. Din l-inizjattiva se tiswa 3.5 miljun ewro u, minnha se jibbenefikaw kważi 12,000 anzjan u anzjana. B'hekk, b'din l-għotja u ż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja, kull anzjan fuq 80 sena se jkollu aktar minn €10 fil-ġimgħa żieda;

3. Mill-1 ta' Jannar 2012 se titneħħa l-VAT fuq servizzi ta' *private nursing* u *home help* offruti mis-settur privat lill-anzjani li jkollhom bżonn fid-djar privati tagħhom;

4. Ftit tas-snin ilu introduċejna ħelsien mit-taxxa tad-dħul lill-familjari t'anzjani li qed jgħinu lill-ġenituri tagħhom jgħixu fi djar ta' l-anzjani privati. Mis-sena d-dieħla se nżidu din l-inizjattiva b'500 ewro għal 2,500 ewro;

5. Se nkomplu fuq dak li għamilna fis-snin preċedenti fil-pensjonijiet tas-servizz, u se nwessgħu b'€200 oħra din il-miżura. L-ispiża totali hija ta' miljun ewro; u

6. Anzjani u persuni li mhumiex taxxabli li jħallsu l-15 fil-mija *withholding tax* se jibdew jingħataw rifużjoni tat-taxxa li jkunu ħallsu mingħajr ma jimlew formola tat-taxxa.

**Il-kura ta' l-anzjani**

Fil-qasam tal-kura ta' l-anzjani, it-talba għal aktar akkomodazzjoni qiegħda dejjem tikber. Kif ħabbarna, l-Isptar Zammit Clapp se jibda jservi bħala *Nursing Home* u, bħalissa għaddej ix-xogħol neċessarju.

Wara l-investiment li sar fil-Blokk Ġwanni Pawlu II fir-Residenza ta' San Vinċenz de Paule, li qed tilqa' fiha 144 resident, is-sena d-dieħla se jitkompla programm ta' xoghol biex aktar swali jiġu rranġati.

Il-Gvern identifika wkoll art ġewwa Birkirkara biex tinbena dar ta' l-anzjani ġdida fuq l-istess linji tad-dar ta' l-anzjani fil-Mellieħa. Se jibda b'mod immedjat il-process ta' applikazzjoni mal-MEPA.

Barra minn hekk, qed inkomplu nixtru numru ta' sodod mingħand is-settur privat biex inżidu n-numru ta' postijiet għall-anzjani li għandhom bżonn dan is-servizz.

Wara li nedejna l-proġett pilota tan-*Night Shelter* fiż-Żejtun, wessajna dan is-servizz fil-Mellieħa wkoll, u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet ma' entitajiet tal-Knisja u ma' Kunsilli Lokali bil-għan li jinfethu aktar *Night Shelters* f'lokalitajiet oħra.

Se nkomplu ninvestu f'Ċentri ta' Matul il-Jum għall-anzjani. Din is-sena ftaħna ċentri ġodda ġewwa l-Mellieħa u l-iMsida. Sal-lum, għandna 18-il ċentru mxerrdin f'Malta, li fihom jipparteċipaw b'mod regolari madwar 1,500 anzjan u anzjana. Għas-sena d-dieħla qed nallokaw 118,000 biex jinfetħu żewġ ċentri oħra.

**Il-kura tad-dimenzja**

Mr. Speaker

Id-dimenzja hija kundizzjoni li qed tolqot numru dejjem akbar ta' anzjani. Huwa għalhekk li pajjiżna llum għandu strateġija nazzjonali dwar id-dimenzja. Din l-istrateġija tat bidu għal numru t'inizjattivi importanti, fosthom:

- Blokk ġdid f'San Vinċenz de Paule bi swali *dementia friendly*;
- Taħriġ għal ħaddiema u *carers* li jaħdmu fil-qasam tad-dimenzja;

- *Day Respite* għall-pazjenti mill-komunità li jbatu mid-dimenzja;

- Servizz mill-*memory clinic* ta' l-Isptar Karen Grech għal persuni li jbatu bid-demenzja;

- *Helpline* għall-pubbliku, bil-kollaborazzjoni tal-*Malta Dementia Society*; u

- Pubblikazzjoni ta' ktieb edukattiv għat-tfal dwar id-dimenzja fil-qraba.

Il-Gvern huwa mpenjat li jkompli jipprovdi kura, u li jgħin lil dawk li jbatu minn din il-kundizzjoni. Qed nallokaw 200,000 biex jibdew jingħataw mediċini tad-demenzja b'xejn.

## 7.4 Pulizija

F'dan il-Baġit se nkomplu ninvestu u narmaw aktar fil-Korp tal-Pulizija. Għalina l-ġlieda kontra d-delinkwenza u l-illegalità tibqa' prijorità u, għalkemm rajna kontroll u konfront aqwa tal-kriminalità jibqa' kontinwament l-bżonn ta' aktar strumenti għad-dispożizzjoni tiegħu. Għalhekk kif diġà sar fis-snin li għaddew, anke f'din is-sena se nassiguraw li l-Korp jkompli jiġi armat b'apparat ġdid u modern, vetturi ġodda u għodod teknoloġikament avvanzati li jgħinu direttament fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

Il-kontinwazzjoni tal-bini ta' l-Akkademja tal-Pulizija ġdida tibqa' prijorità. It-taħriġ tal-membri u tar-rekluti li kull sena qed jidħlu jibqa' wieħed vitali u determinanti. Dan ikompli jassigura suċċess akbar f'dinja li qiegħda tinbidel l-ħin kollu b'organizzazzjonijiet kriminali li joperaw mhux f'pajjiż wieħed iżda f'diversi f'daqqa. Il-vot kapitali għall-bini ta' l-Akkademja se jiżdied b'600,000 ewro.

# 8. Konklużjoni

Mr Speaker

Dan huwa l-pjan tagħna sabiex naffaċċjaw il-maltemp li għaddej madwarna.

Dan il-Baġit li, f'isem il-Gvern, qed inressaq quddiem din il-Kamra llejla jinġabar f'dawn l-ħames miri ewlenin:

- irridu nassiguraw l-istabilità ta' pajjizna;
- irridu nħarsu u nkattru x-xogħol għall-ħaddiema tagħna;
- irridu li uliedna u l-poplu tagħna jiżviluppaw il-ħiliet kollha tagħhom;
- irridu nsebbħu u nħarsu l-ambjent ta' pajjiżna; u
- irridu nħarsu lill-familji tagħna u lill-persuni vulnerabbli.

F'dan kollu għażilna li nkunu prudenti, iffukati, dixxiplinati u responsabbli. Ma rridux inżarmaw dak li bena l-poplu tagħna. Għażilna li nagħmlu s-sewwa u dak li pajjiżna għandu bżonn.

Flimkien ma' dawn il-valuri aħna gwidati mill-fiduċja kbira li għandna fil-poplu tagħna u f'pajjiżna.

Iva, Mr Speaker, il-poplu Malti huwa poplu kapaċi, poplu bieżel u poplu għaqli. Aħna nemmnu fil-poplu tagħna u nemmnu f'pajjiżna.

Mr Speaker

Dan il-baġit jipprovdi t-tmexxija soda li pajjiżna għandu bżonn biex jiffaċċja kull sfida li hemm tistenniena. Il-Gvern ċert li b'għaqal u b'serjetà se nirbħu l-maltemp li d-dinja tinsab fih.

# Appendiċi A

*STATEMENT* A

**DĦUL 2011 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT<br>€ | ESTIMU RIVEDUT<br>€ | BIDLA<br>+<br>€ | <br>-<br>€ | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 821,400,000 | 821,400,000 | - | - | |
| | Sigurta' Soċjali | 586,175,000 | 586,175,000 | - | - | |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 208,545,000 | 207,900,000 | - | 645,000 | Id-dħul mis-sisa fuq it-tabakk mistenni jkun anqas mill-istima oriġinali. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 239,025,000 | 231,598,000 | - | 7,427,000 | In-tnaqqis mistenni fid-dħul mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u l-liċenza ta' Ċirkolazzjoni mistenni jkun parzjalment ikkumpensat minn żieda fid-dħul mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 538,225,000 | 536,725,000 | - | 1,500,000 | Stimi riveduti ibbażati fuq id-dħul attwali jindikaw xejra 'l isfel mill-istima oriġinali ta' dħul minn dan is-sors. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **2,393,370,000** | **2,383,798,000** | | **9,572,000** | |

## *STATEMENT* A

## DĦUL 2011 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | + | - | |
| | € | € | € | € | |
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 38,654,000 | 38,911,000 | 257,000 | - | Id-dħul, partikolarment mill-Eko-Kontribuzzjoni u liċenzi tat-televiżjoni, mistenni jkun anqas minn dak previst. Dan it-tnaqqis se jkun ikkumpensat minn dħul akbar mid-Drittijiet għal Passaporti u Ħlas tal-Qrati. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 28,832,000 | 36,957,000 | 8,125,000 | - | Dan l-ammont jirrappreżenta d-differenza fl-ispiża tal-pensjoniijiet jew *gratuities* ta' ex-uffiċjali pubbliċi li kienu ġew impjegati b'mod permanenti ma' Entitajiet Governattivi. |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 815,000 | 815,000 | - | - | |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 45,000,000 | 48,000,000 | 3,000,000 | - | Il-profitti tal-Bank għall-2010 li ġew mgħoddija lill-Gvern kienu akbar dak previst. |
| Kera | 28,775,000 | 24,262,000 | - | 4,513,000 | Id-dħul mill-kera ta' postijiet għall-kummerċ mistenni jkun inqas mill-istima oriġinali. |
| Profitti minn Investimenti | 12,500,000 | 13,500,000 | 1,000,000 | - | Minħabba l-attivita' irreġistrata, id-dħul mid-*dividends* mistenni jkun aktar minn dak previst. |
| Ħlas lura u nteressi fuq self mogħti mill-Gvern | 1,757,000 | 1,757,000 | - | - | |

*STATEMENT* **A**

**DĦUL 2011 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | |
| Għotjiet Barranin | 221,924,000 | 117,485,000 | - | 104,439,000 | Ir-rimbors kif stmat oriġinarjament taħt il-Fondi Strutturali (Programmi għall-2007- 2013) u l-Fond ta' Koeżjoni (Programmi għall-2007- 2013) mhux mistenni jseħħ kollu. Ir-rimbors ikompli tul iż-żmien tal-programmi. |
| Dħul mixxellanju | 20,073,000 | 30,249,000 | 10,176,000 | - | Id-dħul mistenni jkun iktar minn dak previst minħabba ħlas konness mal-ftehim ta' *concessions* tas-*super yacht yard*, kif ukoll minħabba dħul akbar minn dak previst mill-bejgħ b'irkant ta' Stock tal-Gvern ta' Malta. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **398,330,000** | **311,936,000** | | **86,394,000** | |
| **TOTALI TA' DĦUL RIKORRENTI** | **2,791,700,000** | **2,695,734,000** | | **95,966,000** | |

## *STATEMENT* A

## DĦUL 2011 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | + | - | |
| | € | € | € | € | |
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | - | - | - | - | |
| *Sinking Funds* ta' self lokali kkonvertit | 9,560,000 | 9,622,000 | 62,000 | - | |
| Self Lokali | 570,000,000 | 570,000,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **579,560,000** | **579,622,000** | **62,000** | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **3,371,260,000** | **3,275,356,000** | | **95,904,000** | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 2,245,000 | 2,537,000 | 292,000 | - | Mistennija żieda fin-nefqa fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni, primarjament taħt *Improvement to Property*. |
| 2 Kamra tad-Deputati | 3,459,000 | 3,544,000 | 85,000 | - | |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 500,000 | 500,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 2,200,000 | 2,200,000 | - | - | |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 27,000,000 | 31,623,000 | 4,623,000 | - | Mistennija nefqa akbar mill-istima oriġinali taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni (primarjament fuq *Contractual Services* u *Incidental Expenses*), il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi u l-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Governattivi (primarjament fil-Kontribuzzjoni lill-*Industrial Projects and Services Ltd* u l-*Malta Council for Science and Technology*). |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 471,000 | 481,000 | 10,000 | - | |
| 7 Forzi Armati ta' Malta | 40,630,000 | 40,311,000 | - | 319,000 | Mhux mistenni li jintużaw il-fondi kollha vvutati fil-kategorija tal-Pagi u Salarji, u *Transport* u *Contractual Services* taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Turiżmu u Kultura | 46,469,000 | 47,022,000 | 553,000 | - | Nefqa akbar mistennija taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi fuq *Arts and Culture Events* u *European Capital of Culture* se tkun ikkumpensata parzjalment minn infiq anqas fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Governattivi. |
| 9 | Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,276,000 | 1,226,000 | - | 50,000 | |
| 10 | Gvern Lokali | 33,038,000 | 33,031,000 | - | 7,000 | |
| 11 | Konsumatur u Kompetizzjoni | 1,944,000 | 1,929,000 | - | 15,000 | |
| 12 | Informazzjoni | 1,331,000 | 1,331,000 | - | | |
| 13 | Stamperija tal-Gvern | 1,446,000 | 1,436,000 | - | 10,000 | |
| 14 | Uffiċċju Elettorali | 2,210,000 | 5,975,000 | 3,765,000 | - | L-ispiża taħt *Electoral Commission Activities* kienet akbar mill-istima oriġinali minħabba ir-Referendum Nazzjonali f'Mejju 2011. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Ministeru tal-Affarijiet Barranin | 26,748,000 | 27,786,000 | 1,038,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji biex ikopru r-remunerazzjoni tal-impjegati fl-ambaxxati. Iż-żieda mistennija fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni fuq *International Memberships* se tkun ikkumpensata parzjalment minn reviżjoni fil-kontribuzzjoni ta' Malta lit-*10th European Development Fund*. |
| 16 | Ministeru għal Għawdex | 56,954,000 | 57,955,000 | 1,001,000 | - | Jinħtieġu fondi addizzjonali taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni primarjament biex ikopru l-ispejjeż fuq *Utilities* u *Contractual Services*. |
| 17 | Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni | 45,825,000 | 51,190,000 | 5,365,000 | - | Hija mistennija nefqa akbar taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi primarjament minħabba pagamenti tal-*Public Service Obligation - Public Transport* u l-*Public Service Obligation - Inter-Island Transportation*. |
| 18 | Diviżjoni tar-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet | 2,397,000 | 2,602,000 | 205,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 19 | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | 81,415,000 | 84,754,000 | 3,339,000 | - | Nefqa akbar taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni (primarjament fuq *Transport* u *Incidental Expenses*) u l-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (primarjament taħt *Agriculture Support Scheme*, *Solid Waste Management Strategy* u *Renewable Energy Initiatives*) hija mistennija li tkun ikkumpensat parzjalment minn nefqa anqas taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja | 188,039,000 | 202,848,000 | 14,809,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali, primarjament minħabba l-pagament ta' *Energy Support Measures*. Hija mistennija wkoll żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Governattivi, primariament lill-Universita' ta' Malta. |
| 21 Edukazzjoni | 143,254,000 | 146,858,000 | 3,604,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji, parzjalment għall-emolumenti tal-impjegati skont il-*Capacity Building* li kien meħtieġ matul is-sena. |
| 22 Libreriji | 1,466,000 | 1,468,000 | 2,000 | - | |
| 23 Sigurta' Soċjali | 201,376,000 | 201,809,000 | 433,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt *Contractual Services* mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 24 Benefiċċji tas-Sigurta Soċjali | 733,770,000 | 732,770,000 | - | 1,000,000 | Mhux mistenni li jintużaw il-fondi approvati kollha fil-ħlas ta' pensjonijiet tal-invalidita'. |
| 25 *Standards* fil-Ħarsien Soċjali | 896,000 | 996,000 | 100,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment | 119,513,000 | 116,065,000 | - | 3,448,000 | Nefqa anqas minn dik prevista fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (primarjament taħt *EU Own Resources*, *European Investment Bank* u għall-ħlas ta' pensjonijiet lill-ex-ħaddiema tat-Tarznari) mistennija tikkumpensa żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni u Programmi u Inizjattivi oħra (primarjament għad-Dawl tat-Toroq u Servizzi oħra u imgħaxijiet fuq is-self tat-Tarznari) |
| 27 | It-Teżor | 37,119,000 | 95,316,000 | 58,197,000 | - | In-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali minħabba l-ftehim ta' self mal-Air Malta plc, fondi addizzjonali allokati taħt il-ftehim ta' self lir-Repubblika Ellenika u żieda fir-rifużjonijiet ta' dħul. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 28 | Pensjonijiet | 88,835,000 | 87,510,000 | - | 1,325,000 | In-nefqa għall-pensjonijiet, *allowances* u *gratuities* li jitħallsu taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93) se tkun anqas minn dik prevista. |
| 29 | Ħlasijiet fuq Self | 404,012,000 | 355,544,000 | - | 48,468,000 | Iż-żieda fin-nefqa għall-ħlas ta' imgħax fuq Stock tal Gvern ta' Malta minħabba *fungible issues* se tkun ikkumpensata minn ħlas inqas ta' interessi fuq Bills tat-Teżor ta' Malta u ħlas lura ta' self anqas minn dak previst. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 Taxxi Interni | 7,134,000 | 7,297,000 | 163,000 | - | In-nefqa taħt *Professional Services* mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 31 Dwana | 11,504,000 | 10,958,000 | - | 546,000 | Mhux mistenni li jintużaw il-fondi kollha vvutati fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 32 VAT | 5,412,000 | 6,114,000 | 702,000 | - | Spiża akbar minn dik prevista taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi, primarjament minħabba rifużjonijiet taħt il-liġijiet tal-VAT/CET. |
| 33 Kuntratti | 1,113,000 | 1,158,000 | 45,000 | - | |
| 34 Politika Ekonomika | 1,134,000 | 1,082,000 | - | 52,000 | |
| 35 Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 4,699,000 | 4,749,000 | 50,000 | - | |
| 36 Kummerċ | 1,958,000 | 1,882,000 | - | 76,000 | |
| 37 Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 19,582,000 | 19,111,000 | - | 471,000 | Żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi se tkun ikkumpensata minn infiq anqas mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. |
| 38 Servizz Ġudizzjarju | 10,334,000 | 10,467,000 | 133,000 | | Mistennija spiża akbar mill-istima oriġinali primarjament taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 39 Pulizija | 47,960,000 | 47,760,000 | - | 200,000 | Mhux mistenni li jintużaw il-fondi kollha vvutati fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 40 Servizzi Korrettivi | 8,903,000 | 8,982,000 | 79,000 | - | |
| 41 Protezzjoni Ċivili | 4,051,000 | 4,091,000 | 40,000 | - | |
| 42 Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' | 302,147,000 | 306,759,000 | 4,612,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji, parzjalment għall-emolumenti tal-impjegati skont il-*Capacity Building* li kien meħtieġ matul is-sena. L-ispiża taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (primarjament għad-Djar tal-Anzjani) u l-kontribuzzjoni lill-isptar Mount Carmel mistennija jkunu akbar mill-istima oriġinali. |
| 43 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 44,969,000 | 47,469,000 | 2,500,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. Hi mistennija żieda fin-nefqa taħt *Utilities*. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **2,766,738,000** | **2,816,496,000** | **49,758,000** | | |

## STATEMENT C

## NEFQA KAPITALI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 35,224,000 | 14,996,000 | - | 20,228,000 | Mistennija nefqa anqas mill-istima oriġinali taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, iċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza u r-restawr tal-Forti Sant'Anġlu. Il-Fondi vvutati għax-xiri ta' *helicopters* mill-Forzi Armati ta' Malta mhux se jintużaw din is-sena. |
| II | Ministeru tal-Affarijiet Barranin | 1,420,000 | 1,170,000 | - | 250,000 | L-ispiża taħt *ICT* u xogħlijiet ta' kostruzzjoni u restawr se tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| III | Ministeru għal Għawdex | 16,441,000 | 15,378,000 | - | 1,063,000 | Nefqa mhux prevista f'Inċentivi għall-Investiment u spiża akbar taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013 se jkunu ikkumpensati minn spiża anqas għal Eko-Għawdex, li se jkompli fl-2012. |
| IV | Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni | 126,515,000 | 68,080,000 | - | 58,435,000 | Qed tkun stmata spiża akbar taħt il-proġett tan-*National Identity Management Systems*. Iżda l-ispiża totali taħt dan il-Vot se tkun inqas milli kien previst minħabba nefqa anqas taħt il-Programmi tal-Fond ta' Koeżjoni 2007 - 2013, l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-Awtorita' dwar il-Portijiet Ħielsa, il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, l-*ICT Core Services Agreement*, xogħlijiet fuq toroq relatati ma' fondi mill-Unjoni Ewropea u bini u rranġar ta' toroq. |

## STATEMENT C

## NEFQA KAPITALI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| V | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | 83,252,000 | 55,898,000 | - | 27,354,000 | In-nefqa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Programmi tal-Fond ta' Koeżjoni 2004 - 2006 mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali. Nefqa anqas taħt il-ProgrammI tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, il-Programmi tal-Fond ta' Koeżjoni 2007 - 2013 u Wasteserv Malta Ltd se tikkumpensa għal din l-ispiża addizzjonali. |
| VI | Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja | 55,567,000 | 34,534,000 | - | 21,033,000 | Nefqa anqas primarjament taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, il-Fakulta' tal-ICT fl-Universita' ta' Malta u xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir għall-faċilitajiet sportivi mistennija tikkumpensa spiża akbar mill-istima oriġinali għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir fl-Universita' ta' Malta u proġetti kapitali tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. |
| VII | Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment | 77,439,000 | 78,812,000 | 1,373,000 | - | Mistennija żieda fin-nefqa primarjament taħt il-Programmi tal-Fond ta' Koeżjoni 2007 - 2013 u fl-Inċentivi għall-Investiment. Nefqa anqas mill-istima oriġinali, primarjament taħt l-*ICT Corporate Projects* u l-Kontribuzzjoni lill-Fond tal-Ħelsien tat-Teżorerija ta' Malta, mistennija tikkumpensa parzjalment din iż-żieda fin-nefqa. |

## STATEMENT C

## NEFQA KAPITALI 2011: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VIII | Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern | 19,053,000 | 21,737,000 | 2,684,000 | - | Qed tkun stmata spiża akbar primarjament taħt l-*External Borders Fund* u tagħmir għar-Riċerka u Żvilupp. Din iż-żieda fin-nefqa mistennija tkun ikkumpensata parzjalment minn nefqa anqas mill-istima oriġinali primarjament taħt ICT u għal xogħlijiet fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. |
| IX | Ministerutas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita | 31,213,000 | 18,500,000 | - | 12,713,000 | Mistennija nefqa anqas primarjament taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013 u l-proġett taċ-Ċentru Nazzjoni tat-Trasfużjoni tad-Demm. Dan it-tnaqqis fin-nefqa se jikkumpensa spiża akbar minn dik prevista għat-titjib tal-faċilitajiet fl-Isptar Sir Paul Boffa. |
| | **TOTAL NEFQA KAPITALI** | **446,124,000** | **309,105,000** | | **137,019,000** | |